**QORTI CIVILI PRIM`AWLA**
**(GURISDIZZJONI KOSTITUZZJONALI)**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH ZAMMIT MCKEON**

**Illum il-Hamis 30 ta` Gunju 2016**

**Kawza Nru. 2**
**Rikors Nru. 20/2012 JZM**

**Kate Sullivan (KI : 0429602L) u Captain Michael Bonello (KI :741840M)**

***kontra***

**L-Onorevoli Prim Ministru ;**
**L-Onorevoli Ministru ghall-Affarijiet Barranin ;**
**L-Onorevoli Ministru ghall-Gustizzja, Djalogu u l-Familja ;**
**L-Avukat Generali**

***u***

**b`digriet tat-22 ta` Ottubru 2012 gie kjamat in kawza Mark Pace**

**Il-Qorti :**

**I. <u>Preliminari</u>**

Rat ir-rikors prezentat fis-<u>26 ta` Marzu 2012</u> li jaqra hekk –

*1. Illi l-esponenti Kate Sullivan u Captain Michael Bonello imbarkaw fuq relazzjoni intima fis-sena 1968, meta Captain Michael Bonello kien ghaddej minn proceduri ghal separazzjoni personali minn martu Linda Bonello ;*

*2. Illi sussegwentment, ir-rikorrenti ddecidew illi jikru dar sabiex jistabbilixxu r-residenza ordinarja taghhom u jiffurmaw familja wara illi Captain Michael Bonello jissepara legalment minn ma` martu ;*

*3. Illi b`kunsens bejniethom huma ddecidew illi jikru d-dar li ggib l-indirizz 2, Pjazza San Pawl, Imdina. Minhabba illi f`dak iz-zmien mhux talli kien meqjus immorali, talli kien reat punibbli skond id-disposizzjonijiet tal-Kodici Kriminali, li ragel idahhal konkubina f`daru (Il-Puluzija vs Grezzju Cassar et Appell Inferjuri 28/02/1959), is-sid tal-fond, l-Avukat Dr Alessandro Depiro Gourgion, li kien ukoll habib tar-rikorrenti Michael Bonello, kien tah parir sabiex l-iskrittura ta` kera tigi iffirmata minn Kate Sullivan wahedha. Dak iz-zmien Kate Sullivan ma kinetx cittadina Maltija ;*

*4. Illi l-iskrittura ta` kera kienet giet iffirmata bejn Dr Alessandro Depiro Gourgion u r-rikorrenti Kate Sullivan nhar il-hamsa u ghoxrin ta` Lulju 1968, filwaqt illi r-rikorrenti Captain Michael Bonello ssepara legalment minn martu permezz ta` kuntratt ta` separazzjoni konsenswali datat sebgha u ghoxrin ta` Dicembru 1968 ;*

*5. Illi f`Jannar 1969, ir-rikorrenti bdew jirrisjedu flimkien bhala familja gewwa l-fond bl-indirizz 2, Misrah San Pawl, Mdina bhala r-residenza ordinarja taghhom. Huma kellhom zewgt itfal frott ta` din ir-relazzjoni : Michael Adam Bonello, imwieled nhar l-20 ta` Jannar 1970, u Andrew Rupert Bonello, imwieled nhar id-29 ta` Gunju 1973 ;*

*6. Illi din il-manuvra, illi l-iskrittura ta` kera tigi ffirmata minn Kate Sullivan, u mhux minn Michael Bonello ukoll, saret sabiex Captain Michael Bonello u Kate Sullivan ikunu protetti mill-mannara ta` ligi arkajka u ripressiva, li mhux talli ma kinetx taghti d-dritt illi wiehed jannulla jew iholl iz-zwieg fallut tieghu, talli kienet tippenalizza persuni illi jippruvaw ikomplu b`hajjithom wara l-falliment taz-zwieg taghhom. Ghal Captain Michael Bonello ma kienx permess illi japplika ghal annullament tal-Knisja stante illi r-ragunijiet li taw lok ghal separazzjoni personali minn martu ma kinux anticedenti ghaz-zwieg tieghu. Annullament civili lanqas ma kien jezisti ghaliex lanqas kien hawn Ligi taz-Zwieg. Divorzju ma kienx ezistenti lanqas ;*

*7. Illi ghalhekk, ghar-rikorrenti il-konkubinat taghhom ma kienx b`ghazla taghhom, imma kien impost fuqhom stante illi in vista tal-ligijiet ezistenti f`dawk iz-zminijiet huma ma setghu qatt jizzewgu. Illi l-istat ta` illegalita ta` konkubinat baqa` jissussisti nonostante illi gie legalizzat il-hall taz-zwieg fil-Kap XVI tal-Ligjiet ta` Malta. Fil-fatt fis-sentenza ghall-kawza fl-ismijiet Elsie Darmanin vs Richard Faulkner (15/12/1988) il-Prim` Awla tal-Qorti Civili presjeduta mill-Onor Imhallef Dr Joseph Filletti irriteniet illi :* ***`Il-qorti ma tistax taghti decizjoni li thalli sitwazzjoni ta` konkubinat, ghax din mhux biss tmur kontra l-morali pubblika imma wkoll kontra l-ligi.`*** *U konsegwenza ta` dan kollu, Kate Sullivan u Captain Michael Bonello kellhom jezercitaw kawtela liema bhala sabiex ma jisfghux vittmi ta` dawn il-ligijiet ingusti, nonostante illi dawn il-ligijiet kienu jiksru d-drittijiet fundamentali taghhom ;*

*8. Illi jekk wiehed ifittex l-gherq tal-fenomenu tal-konkubinagg u drittijiet ancillari ghalih, isib illi :*

***"The meaning of the term in Roman Law, and consequently in early ecclesiastical records and writings, was much the same ; a concubine was a quasi-wife, recognized by law if there was no legal wife. She was usually of a lower social grade than her husband, and her children, though not considered the equals of those of the legal wife (uxor) were nevertheless termed natural (naturales) to distinguish them from spurious offsprings (spurii). For this legitimate concubinage the Roman Law did not require the intention of the two parties to remain together until death as man and wife ; the Lex Julia and the Papia Poppæa allowing both temporary and permanent concubinage.`***

***`Permanent concubinage, though it lacked the ordinary legal forms and was not recognized by the civil law as a legal marriage, had in it no element of immorality. It was a real marriage, including the intention and consent of both parties to form a lifelong union. This the Church allowed from the beginning, while Pope Callistus I broke through the barrier of state law, and raised to the dignity of Christian marriage permanent unions between slave and free, and even those between slave and slave (contubernium).`***

***`With the destruction of the Roman Empire and the consequent decline of knowledge of the Roman Law, its institution of legitimate concubinage fell into disuse, and concubinage came more and more to have only the modern significance . . . The clandestine marriages which gradually came to be tolerated in the Middle Ages, as they lacked the formality of a public sanction by the Church, can be considered as a species of legitimate concubinage*** *[http://home.newadvent.org]****" ;***

*9. Illi sal-lum, is-Subinciz ta` l-Artikolu 35 tal-Kap XVI tal-Ligijiet ta` Malta jistipula illi bil-firda personali jispicca l-obbligu tal-koabitazzjoni. Jekk*

*wiehed iqis illi l-obbligazzjonijiet ta` koppja mizzewga huma l-koabitazzjoni, l-assistenza reciproka u l-obbligu ta` fedelta lejn xulxin, dan ifisser illi l-obbligazzjoni tal-fedelta tibqa` tissussisti anke wara separazzjoni personali bejn il-konjugi ;*

*10. Illi dan necessarjament ifisser ukoll illi l-koabitazzjoni bejn persuni separati, jew koabitazzjoni bejn persuna mhux mizzewga u ohra legalment separata jiksru dan il-provvediment tal-ligi ;*

*11. Illi Kate Sullivan saret cittadina Maltija nhar il-hamsa u ghoxrin ta` Ottubru 2002, wara emendi fil-Ligi Dwar in-Nazzjonalita`. Sa qabel dik il-gurnata minhabba illi hija kienet cittadina Awstraljana, kemm il-visa biex tkun tista` tirrisjedi legalment f`dawn il-gzejjer, kif ukoll il-permess sabiex tkun tista` tahdem kellhom jiggeddu kull sena, minkejja illi hija kellha familja Maltija ;*

*12. Illi nonostante illi l-Avukat Dr Depiro Gourgion kien irrikonoxxa lir-rikorrent Michael Bonello bhala inkwilin a tempo vergine, pero ma setax jirrikonoxxieh formalment fuq l-iskrittura ta` kera minhabba l-ligijiet ezistenti dak iz-zmien, u nonostante illi kien irrikonoxxieh permezz ta` diversi ittri u anke fil-ledger tieghu, wara l-mewt tieghu f`Mejju tas-sena 1995, is-successuri fit-titolu tieghu taw il-congedo lil Kate Sullivan permezz ta` ittra ufficjali datata 3 ta` Jannar 1997, u intavolaw proceduri quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) fl-ismijiet Doris Depiro Gourgion, Maria Arrigo f`isimha propju u bhala mandatarja ta` l-assenti De Louis J Sant Cassia, Alexandra Radmilli, Mark Pace, Maria Galea u John Pace vs Kate Sullivan u Captain Michael Bonello (Avviz Nru 2284/97) ;*

*13. Illi fil-kawza precitata gie deciz mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) permezz ta` sentenza moghtija nhar it-22 ta` Novembru 2010, illi l-konvenuti ma setghux jigu konsidrati bhala inkwilini protetti taht il-ligi (Artikolu 5 tal-Kap 158) u laqghet it-talbiet attrici ghal zgumbrament ta` Kate Sullivan u Captain Michael Bonello ;*

*14. Illi sussegwentment, is-sentenza precitata giet appellata, pero, il-Qorti ta` l-Appell (Sede Inferjuri), ikkonfermat is-sentenza ta` l-Ewwel Qorti, u fil-fatt, kontestwalment ma` dawn il-proceduri qed jigi ntavolat rikors ghal ritrattazzjoni tal-kawza quddiem il-Qorti ta` l-Appell ;*

*15. Illi s-Subinciz ta` l-Artikolu 5 tal-Kap 158 jistipula illi :*

*'Meta fit-tmiem ta` kirja ta` dar ta` abitazzjoni mnehhija mill-kontroll (sew jekk dak iz-zmien ikun skont ftehim legali, skond l-uzu jew xort` ohra) il-kerrej ikun cittadin ta` Malta u jkun jokkupa d-dar bhala r-residenza ordinajra tieghu,*

*id-disposizzjonijiet tal-Ordinanza li tirregola Tigdid tal-Kiri tal-Bini ghandhom japplikaw ukoll izda biss safejn dawn ma jkunux inkonsistenti ma` l-imsemmija disposizzjonijiet ta` dan l-artikolu.'*

*16. Illi dan l-Artikolu huwa diskriminatorju fil-konfront tar-rikorrenti Kate Sullivan, stante illi hija ilha tirrisjedi fil-fond 2, Misrah San Pawl, Mdina ghal dawn l-ahhar tlieta u erbghin sena mas-sieheb taghha li hu Malti sa minn twelidu, u maz-zewg uliedhom cittadini Maltin u li ghandhom l-eta` ta` tnejn u erbghin sena u tmienja u tletin sena rispettivament, u ma setghetx tottjeni c-cittadinanza Maltija qabel is-sena 2002 minhabba c-cirkostanzi li kienet tinsab fihom ;*

*17. Illi di piu, Subinciz 3 ta` l-Artikolu 5 ta` Kap 158, jikser disposizzjonijiet ta` l-Artikolu 32 u 45 tal-Kostituzzjoni ;*

*18. Illi Artikolu 32 tal-Kostituzzjoni, ghalkemm mhuwiex applikabbi, ghandu fakolta interpretattiva, u ukoll forza morali. L-imsemmi Artikolu jistipula illi :*

***kull persuna f`Malta*** *hija intitolata ghad-drittijiet u libertajiet fundamentali tal-individwu, jigifieri, id-dritt,* ***tkun xi tkun ir-razza, post ta` origini, fehmiet politici, kulur, twemmin jew sess taghha,*** *izda suggett ghar-rispett tad-drittijiet u l-libertajiet ta` ohrajn u ta` l-interess pubbliku, ghal kull wahda u kollha kemm huma dawn li gejjin, jigifieri :*

*a) il-hajja, liberta, sigurta tal-persuna ;* ***b) it-tgawdija ta` propjeta u l-protezzjoni tal-ligi*** *; c)* ***ir-rispett ghall-hajja privata u familjari tieghu*** *;*

*19. Illi Artikolu 45 tal-Kostituzzjoni jistipula illi :*

- *bla hsara ghad-disposizzjonijiet tas-subartikoli (4), (5) u (7) ta` dan l-artikolu, ebda ligi ma ghandha taghmel xi disposizzjoni li tkun diskriminatorja sew fiha nnifisha jew fl-effett taghha ;*

- *bla hsara ghad-disposizzjonijiet tas-subartikoli (6), (7) u (8) ta` dan l-artikolu, hadd ma ghandu jigi trattat b`mod diskriminatorju minn xi persuna li tagixxi bis-sahha ta` xi ligi miktuba jew fil-qadi tal-funzjonijiet ta` xi kariga pubblika jew xi awtorita` pubblika ;*

- *f`dan l-artikolu il-kelma `diskriminatorju` tfisser ghoti ta` trattament differenti lil persuni differenti attribwibbli ghal kollox jew principarjament ghad-deskrizzjoni taghhom rispettiva skond ir-razza, post ta` origini, opinjonijiet pubblici, kulur, fidi jew sess li minhabba fihom persuni ta` deskrizzjoni wahda bhal dawn ikunu suggetti ghal inkapacitajiet jew restrizzjonijiet li persuni ta` deskrizzjoni ohra bhal dawn ma jkunux soggetti*

*ghalihom jew ikunu moghtija privileggi jew vantaggi li ma jkunux moghtija lil persuni ta` deskrizzjoni ohra bhal dawn ;*

*20. Illi d-dritt tal-protezzjoni ghall-hajja privata u l-familja huwa protett taht Artikolu 8 ta` l-Ewwel Skeda tal-Kap 319 kif ukoll taht Artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropeja. Hawnhekk ghandu jinghad illi l-Kap 319 tal-Ligijiet ta` Malta huwa sors ta` ligi kostituzzjonali u fil-fatt f`Artikolu 3 jistipula s-segwenti :*

***'(1) Id-Drittijiet tal-Bniedem u Libertajiet Fundamentali ghandhom isiru, u jkunu esegwibbli bhala, parti mil-Ligi ta` Malta.`***

***(2) Fejn ikun hemm xi ligi ordinarja li tkun inkonsistenti mad-Drittijiet tal-Bniedem u Libertajiet Fundamentali, l-imsemmija Drittijiet u Libertajiet Fundamentali ghandhom jipprevalu, u dik il-ligi ordinarja ghandha, safejn tkun inkonsistenti, tkun bla effett.'***

*20. Illi ukoll Artikolu 8 ta` l-Ewwel Skeda tal-Kap 319 kif ukoll Artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropeja jistipulaw illi m`ghandu jkun hemm ebda indhil minn awtorita` pubblika dwar l-ezercizzju tad-dritt ghar-rispett tal-hajja privata u l-familja ta` persuna hlief jekk dan l-indhil ikun :*

***' . . . skond il-ligi u li jkun mehtieg f`socjeta demokratika fl-interessi tas-sigurta nazzjonali jew il-gid ekonomiku tal-pajjiz, biex jigi evitat id-dizordni jew l-ghemil ta` delitti, ghall-protezzjoni tas-sahha jew tal-morali, jew ghall-protezzjoni tad-drittijiet u libertajiet ta` hadd iehor.'***

*21. Illi fis-16 ta` Marzu tas-sena 2000 il-Parlament Ewropew addotta resoluzzjoni li tistipula illi l-Istati Membri ghandhom :*

***'guarantee one parent families, unmarried couples and same sex couples rights equal to those enjoyed by traditional couples and families, particularly as regards tax law, pecuniary rights and social rights' ;***

*22. Illi fis-17 ta` Jannar tas-sena 2003, il-Parlament Ewropew approva ukoll rapport fejn ghal darb`ohra talab lill-Istati Membri sabiex jaghtu lill-koppji li jikkoabitaw l-istess drittijiet bhal dawk moghtija lill-mizzewgin ;*

*23. Illi r-Rakommandazzjoni Numru R(88)3 tal-Kunsill ta` l-Ewropa addottata mill-Kunsill tal-Ministri fl-415 laqgha tad-Deputati tal-Ministri nhar is-7 ta` Marzu 1988 irrakkommandat lill-gvernijiet tal-Istati Membri sabiex jiehdu l-passi necessarji :*

***'to ensure that contracts relating to property between persons living together as an unmarried couple, or which regulate matters***

***concerning their property either during their relationship or when the relationship has ceased, should not be considered invalid solely because they have been concluded under these conditions.'*** *[Vide sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) fl-ismijiet : Raymond u Rose konjugi Avallone v Therese Agius 12/11/2003 u kkonfermata fl-Appell (Sede Inferjuri) 03/11/2004]*

*24. Illi l-Qorti Ewropeja Dwar id-Drittijiet tal-Bniedem fil-kawza fl-ismijiet* ***Johnston and others vs Ireland*** *(18/12/1986) irriteniet illi :*

***'The principles which emerge from the Court`s case law on Article 8 include the following:***

***`a) by guaranteeing the right to respect for the family life, Article 8 presupposes the existence of a family ;`***

***b) `Article 8 applies to the family life of the illegitimate family as well as that of the legitimate family ;`***

***c) `Although the essential object of Article 8 is to protect the individual against arbitrary interference by the public authorities, there may in addition be positive obligations inherent in an effective respect for family life ...' ;***

*25. Illi ukoll il-Qorti Ewropeja Dwar id-Drittijiet tal-Bniedem, fil-kawza fl-ismijiet* ***Keegan vs Ireland*** *(26/05/1994) irriteniet illi :*

***'the Court recalls that the notion of family in this provision is not confined solely to marriage based relationships and may encompass other de facto `family` ties where parties are living together outside marriage.'***

*26. Illi l-istess Qorti, fil-kawza fl-ismijiet X,Y and Z vs UK (1997) irriteniet illi biex wiehed jiddetermina hemmx familja iridu jigu ezaminati diversi fatturi fosthom :*

***'whether the couple live together, the length of their relationship and whether they have demonstrated their commitment to each other by having children or by other means.'***

*27. Illi fil-prezent, id-drittijiet u l-libertajiet fundamentali tal-bniedem m`ghadhomx protetti biss taht l-Artikoli 33 sa 45 tal-Kostituzzjoni, u taht il-Kap 319, imma ghandhom protezzjoni ulterjuri provenjenti minn korp ta` trattati u Konvenzjonijiet li taghhom l-Istat Malti huwa firmatarju, senjatament il-Konvenzjoni Ewropeja ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-*

*Libertajiet Fundamentali, il-Convention on the Elimination of all Forms of Discrimination Against Women … fost l-ohrajn ;*

*28. Illi d-Dikjarazzjoni Universali tad-Drittijiet tal-Bniedem f`Subartikolu 3 ta` L-Artikolu 16 tistipula illi :*

***'the family is the natural and fundamental group unit in society and is entitled to protection by society and the State.'***

*29. Illi c-Charter of Fundamental Rights ta` l-Unjoni Ewropeja jipprotegi d-dritt ghall-hajja privata u ghall-familja f`Artikolu 7 ;*

*30. Illi persuna tgawdi ukoll protezzjoni ulterjuri ta` drittijiet u libertajiet fundamentali provenjenti mill-obbligazzjonijiet li dahal fihom l-Istat Malti galadarba dahal membru ta` l-Unjoni Ewropeja ;*

*31. Illi nonostante dak kollu hawn fuq precitat, l-Istat Malti ma wettaqx l-obbligi tieghu sabiex jikkonforma l-ligijiet tieghu mar-resoluzzjonijiet tal-Parlament Ewropew, u mad-decizjonijiet tal-Qorti Ewropeja Dwar id-Drittijiet tal-Bniedem, u emenda d-definizzjoni ta` familja biss ghall-finijiet tal-Kap 318 tal-Ligijiet ta` Malta, liema definizzjoni taqra s-segwenti :*

***' … persuna wahedha li fl-opinjoni tad-Direttur tkun tabita wahedha jew zewg persuni jew izjed li fl-opinjoni tad-Direttur ikunu jabitaw flimkien bhala familja' ;***

*32. Illi peress illi l-Istat Malti ma inkludiex fil-korp tal-ligijiet nazzjonali tieghu l-emendi rikjesti minnu, naqas milli jaghti drittijet lill-konkubini sew ghad-durata tar-relazzjoni taghhom kif ukoll f`kaz ta` xoljiment ta` tali relazzjoni ;*

*33. Illi l-Istat Malti qieghed inadempjenti nonostante illi r-rejaltajiet socjali inbidlu, u l-konkubinat sar alternattiva ohra ghal zwieg ghal persuni ta` diversi opinjonijiet, u fehmiet religjuzi, u nonostante l-obbligazzjonijiet internazzjonali tieghu ;*

*34. Illi di piu, minkejja illi l-Onorevoli Prim Ministru ilu sa mill-bidu tas-sena 2006 jghid pubblikament illi ser jimpenja ruhu biex tidhol fis-sehh ligi li tirregola l-konkubinat, dan fil-fatt baqa` ma sehhx ;*

*35. Illi kien precizament minhabba n-nuqqas ta` regolamentazzjoni tal-Ligi, illi l-atturi approfittaw irwiehhom u istitwixxew il-proceduri sabiex jizgumbraw lir-rikorrenti mir-residenza ordinarja taghhom ghal dawn l-ahhar tlieta u erbghin sena ;*

*36. Illi din il-lacuna fil-ligi tkompli taggrava ruhha bl-interpretazzjoni rigoruza tal-Qrati nostrani ghall-Artikolu 1012 tal-Kap XVI tal-Ligijiet ta` Malta, fejn stante li tirritjeni li dan l-Artikolu mhuwiex applikabbli f`kazi ta` atti immorali, u tipprezumi ukoll illi l-fatt li koppja tikkoabita bla ma tizzewweg huwa fih innifsu att immorali ;*

*37. Illi bil-fatti illi skond il-Ligi : 1. ir-rikorrenti Kate Sullivan ma setghetx tizzewweg lis-sieheb taghha Michael Bonello, u 2. il-konkubinat kien illegali u immorali ; hija u s-sieheb taghha gew diskriminati u konsiderevolment pregudikati nonostante illi huma kienu u ghadhom qeghdin jiffurmaw familja. Dan peress illi l-iskrittura ta` kera ma setghetx tigi ffirmata f`isem iz-zewg partijiet flimkien u peress ukoll illi l-protezzjoni ta` l-Artikolu 5 tal-Kap 158 ma kienx japplika ghaliha awtomatikament, u nonostante illi hemm diversi dokumenti li jikkonfermaw illi s-sid originali tal-fond kien irrikonoxxa lil Michael Bonello bhala inkwilin, huma xorta wahda gew traxxinati fi proceduri legali li ilhom ghaddejjin sa mill-1997, apparti illi t-titolu taghhom ta` kera illum huwa fid-diskrezzjoni tal-Qorti ta` l-Appell ;*

*38. Illi fis-sitwazzjoni odjerna, konxji ta` l-ingustizzja socjali li qed issir fil-konfront taghhom, u konxji ukoll tal-fatt illi ma jezistix rimedju nazzjonali effettiv ghalihom u ghal persuni f`sitwazzjoni simili ghal taghhom huma gew kostretti illi jintavolaw proceduri quddiem din l-Onorabbli Qorti, u dan a tenur ta` l-Artikolu 46(1) tal-Kostituzzjoni ta` Malta u ta` Artikolu 4 tal-Kap 319 tal-Ligijiet ta` Malta ;*

*Ighidu ghalhekk il-konvenuti prevja kwalsijasi dikjarazzjoni necessarja u opportuna, il-ghaliex din il-Qorti m`ghandhiex –*

*1. Taqta` u tiddeciedi illi l-Artikoli 206 u 207 tal-Kodici Kriminali, illum revokati, kienu llegali u anti-kostituzzjonali ;*

*2. Taqta` u tiddeciedi illi l-interpretazzjoni rigoruza tal-Qrati lokali ta` l-Artikolu 1012 tal-Kap XVI fil-konfront ta` konkubini huma llegali u anti-kostituzzjonali ;*

*3. Taqta` u tiddeciedi billi tiddikjara l-agir ta` l-Istat Malti fil-konfront taghhom u ta` persuni f`sitwazzjoni simili, liema agir ghadu in vigore*

*sal-lum bhala wiehed li jikkostitwixxi ksur tal-Kostituzzjoni ta` Malta in partikolari Artikoli 32 u 45(3) ta` l-istess Kostituzzjoni, tal-Kap 319 tal-Ligijiet ta` Malta kif ukoll ta` Artikoli 8 u 14 tal-Konvenzjoni Ewropeja Dwar id-Drittijiet tal-Bniedem ;*

*4. Taqta` u tiddeciedi illi l-istat Malti mhuwiex joffri rimedju nazzjonali effettiv ghalihom u ghal persuni ohra fl-istess sitwazzjoni u dan bi ksur tal-Kap 319 tal-Ligijiet ta` Malta u ta` Artikolu 13 tal-Konvenzjoni Ewropeja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem ;*

*5. Taqta u tiddieciedi illi l-Artikolu 5 tal-Kap 158 tal-Ligijiet ta` Malta ghandu japplika ghaliha personalment stante c-cirkostanzi su esposti ;*

*6. Tordna illi r-rikorrenti jigu remunerati ghal danni nkluz dawk morali rekati konsegwenza ta` dan l-agir;*

*7. Taghti kwalunkwe provvediment iehor li thoss opportun skond il-Ligi;*

*8. Bl-ispejjez kontra l-konvenuti u / jew min minnhom*

*Il-konvenuti minn issa ingunti ghas-subizzjoni.*

Rat il-lista tax-xhieda ndikati mir-rikorrenti.

Rat ir-risposta tal-intimati prezentata fit-13 ta` April 2012 li taqra hekk –

*1. Illi in linea preliminari u minghajr pregudizzju, l-Onorevoli Prim` Ministru u l-Onorevoli Ministru ghall-Affarijiet Barranin mhumiex il-legittimi kontradditturi u dan a tenur ta` l-artikolu 181B tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta` Malta u ghaldaqstant ghandhom jigu liberati mill-osservanza tal-gudizzju ;*

*2. Illi minghajr pregudizzju u wkoll in linea preliminari, hija l-umli fehma ta` l-esponenti li din l-Onorabbli Qorti ghandha tirrifjuta li tezercita s-setghat taghha skont il-proviso tal-artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni ta` Malta u tal-proviso ta` l-artikolu 4(2) tal-Kap 319 in kwantu mir-rikors promotur jirrizulta b`mod car li ghadhom pendenti l-proceduri ta` ritrattazzjoni tal-kawza civili bin-numru 2284/97 fl-ismijiet '**Depiro Gourgion Doris et vs Sullivan***

***Kate et'*** *u ghalhekk ir-rikorrenti ghadhom ma ezawrixxewx ir-rimedji ordinarji disponibbli favur taghhom qabel ma ntavolaw il-proceduri odjerni ;*

*3. Illi ukoll in linea preliminari u minghajr pregudizzju, in kwantu l-azzjoni tar-rikorrenti hija bbazata fuq l-allegat ksur tal-Konvenzjoni dwar il-Harsien tad-Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem, l-azzjoni odjerna hija inammissibbli ratione temporis fit-termini ta` l-artikolu 7 ta` l-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea (Kap 319 tal-Ligijiet ta` Malta) li jipprovdi li l-ebda ksur tad-Drittijiet tal-Bniedem u Libertajiet Fundamentali mwettaq qabel it-30 ta` April 1987 ma ghandu jaghti lok ghat-tehid ta` azzjoni taht l-artikolu 4 ta` dak l-Att ;*

*4. Illi di piu` u in linea preliminari in kwantu l-azzjoni tar-rikorrenti hija bbazata fuq l-artikolu 45 tal-Kostituzzjoni ta` Malta, l-azzjoni odjerna hija ukoll inammissibbli ratione temporis fit-termini ta` l-artikolu 45(10) tal-Kostituzzjoni li jipprovdi li sa tmiem ta` perjodu ta` sentejn li jibda fl-1 ta` Lulju 1991, ebda haga li hemm f`xi ligi maghmula qabel l-1 ta` Lulju 1991 ma titqies li tkun inkonsistenti mad-disposizzjonijiet ta` l-artikolu 45 tal-Kostituzzjoni ;*

*5. Illi dejjem in linea preliminari u minghajr pregudizzju, in kwantu l-azzjoni tar-rikorrenti hija bbazata fuq l-allegat ksur tal-Kostituzzjoni ta` Malta, l-azzjoni odjerna hija ukoll inammissibbli ratione temporis fit-termini ta` l-artikolu 47(7) tal-Kostituzzjoni li jipprovdi li 'Sa tmiem ta` perijodu li jaghlaq fit-30 ta` Gunju, l993, ebda haga li hemm f`xi ligi specifikata fl-Ewwel Skeda li tinsab ma` din il-Kostituzzjoni u, sat-tmiem ta` perijodu ta` tliet snin li jibda bil-gurnata stabbilita, ebda haga li hemm f`xi ligi ohra maghmula qabel il-gurnata stabbilita ma titqies li tkun inkonsistenti mad-disposizzjonijiet tal-artikoli 33 sa 45 (maghdudin) ta` dan il-Kapitolu u, salv kif intqal qabel, ebda haga maghmula skont l-awtorità ta` xi ligi bhal dik ma titqies li tkun saret bi ksur ta` dawk l-artikoli' ;*

*6. Illi fil-mertu u minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-allegat ksur tad-disposizzjonijiet tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Kostituzzjoni ta` Malta huwa nfondat fil-fatt u fid-dritt ghar-ragunijiet segwenti li qed jigu elenkati minghajr pregudizzju ghal xulxin :-*

*6.1 Illi l-esponenti mhumiex edotti mill-fatti kif elenkati fir-rikors promotur u ghaldaqshekk ikun opportun li jigu allegati l-atti tal-kawza bin-numru 2284/97 fl-ismijiet '**Depiro Gourgion Doris et vs Sullivan Kate et**' ;*

*6.2 Illi bir-rispett dovut, l-esponenti m`huma bl-ebda mod responsabbli ghar-riperkussjonijiet tal-parir legali allegatament moghti mill-Avukat Dr Alessandro Depiro Gourgion lir-rikorrenti sabiex l-iskrittura ta` kera tigi iffirmata minn Kate Sullivan wahedha, liema parir ir-rikorrenti ghogobhom jaccettaw ;*

*6.3 Illi inoltre, l-artikoli 206 u 207 tal-Kodici Kriminali li ghalihom jaghmlu referenza r-rikorrenti gew effettivament imhassra permezz tal-emenda numru 3 tal-Att Nru II tal-1973 u ghalhekk, dato ma non concesso li l-uniku raguni ghalfejn ir-rikorrenti Michael Bonello ma ffirmax il-kuntratt tal-kera flimkien ma` Kate Sullivan kienet unikament minhabba dawn l-artikoli tal-ligi, mid-dhul fis-sehh tal-imsemmi Att, u cioe` mid-29 ta` Jannar tal-1973 'l quddiem, ma kien hemm xejn x`jostakola lir-rikorrenti milli jitolbu lis-sid tal-fond jirrikonoxxi anke lil Michael Bonello bhala nkwilin ;*

*6.4 Illi r-rikorrenti qeghdin ukoll jallegaw illi l-Avukat Dr Depiro Gourgion kien irrikonoxxa lir-rikorrent Michael Bonello bhala inkwilin. Bir-rispett dovut, l-Onorabbli Qorti tal-Magistrati (Malta) kif ukoll il-Qorti tal-Appell iddecidew li dan ma kienx minnu u tennew li 'pagament da parte tal-konvenut dejjem sar ghan-nom tal-istess konvenuta l-ohra, u huwa bhala tali qatt ma hallas bhala kerrej, u lanqas gie qatt rikonoxxut bhala tali' ;*

*6.5 Illi mhuwiex minnu li l-Artikolu 5 tal-Kap 158 huwa diskriminatorju fil-konfront tar-rikorrenti Kate Sullivan kif qed jallegaw ir-rikorrenti. Il-kelma 'diskriminatorju' ghandha tifsira specifika fil-ligi liema tifsira bl-ebda mod ma tikkomprendi dak li qeghda tallega r-rikorrenti Kate Sullivan ;*

*6.6 Illi minghajr pregudizzju ghall-premess, ma tista` ssir l-ebda referenza ghal dawk l-emendi ghall-artikolu 45 tal-Kostituzzjoni li dahlu fis-sehh wara d-data meta allegatament sehh l-agir diskriminatorju ;*

*6.7 Inoltre ma jissussisti ebda ksur tal-artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropea kif qed jallegaw ir-rikorrenti ;*

*6.8 Illi kull allegazzjoni da parti tar-rikorrenti li l-Istat Malti naqas milli jwettaq 'l-obbligi tieghu sabiex jikkonforma l-ligijiet tieghu' hija manifestament infondata. Ir-Resoluzjonijiet tal-Parlament Ewropew u ir-Rakkomandazzjonijiet tal-Kunsill tal-Ewropa mhumiex vinkolanti. Minghajr pregudizzju ghal dan, ic-cirkostanzi tal-kaz odjern bl-ebda mod ma jmur kontra r-Resoluzzjoni tal-Parlament Ewropew jew ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill Ewropew citati mir-rikorrenti ;*

*6.9 Illi dwar l-ewwel u tieni talbiet, oltre s-suespost l-esponenti jzidu jghidu li ghalkemm ir-rikorrent qeghdin ripetutament jallegaw li diversi artikoli tal-Kodici Kriminali, tal-Kodici Civili u tal-Kap 158 kienu/huma 'illegali jew anti-kostituzzjonali', mkien m`huwa qieghed jigi pprecizat liema huwa / huma dawk id-disposizzjonijiet tal-Kostituzzjoni jew tal-Konvenzjoni li allegatament qed jigu lezi ;*

*6.10 Illi b`referenza partikolari ghat-tielet u r-raba` talbiet, l-esponenti jirrilevaw ukoll li dawn it-talbiet huma ukoll insostenibbli in kwantu d-decizjoni ta` din l-Onorabbli Qorti taghmel biss stat fil-konfront tal-partijiet fil-kawza u mhux 'persuni ohra fl-istess sitwazzjoni' ;*

*6.11 Illi di piu`, u dejjem minghajr pregudizzju ghas-suespost, in kwantu l-azzjoni tar-rikorrenti hija bbazata fuq l-allegat ksur tal-Kostituzzjoni, dato ma non concesso li hemm xi ksur f`dan is-sens, ma jista` jinghata l-ebda dritt ghal kumpens skond id-dispost tas-subartikoli (8) u (9) tal-artikolu 47 tal-Kostituzzjoni ta` Malta ;*

*7. Illi ghar-ragunijiet kollha suesposti, l-ebda wahda mit-talbiet tar-rikorrenti ma hija sostenibbli ;*

*8. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.*

*Ghaldaqstant l-esponenti, jitolbu bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha tichad it-talbiet kollha tar-rikorrenti bl-ispejjez kollha kontra taghhom.*

**Rat il-verbal tal-udjenza tas-26 ta` April 2012 fejn idderigiet lill-partijiet sabiex f`dan l-istadju jressqu provi u jittrattaw l-ewwel hames eccezzjonijiet preliminari tal-intimati.**

Rat il-verbal tal-udjenza tal-14 ta` Gunju 2012.

Rat in-nota b`dokumenti li pprezenta l-intimat Avukat Generali.

Rat illi fl-istess udjenza, il-partijiet qablu li l-procedura ta` ritrattazzjoni fl-ismijiet "*Doris Depiro Gourgion et vs Kate Sullivan et*" (Avv Nru 2284/97) kienet ghadha pendenti quddiem il-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) presjeduta mill-Onor. Imhallef Gino Camilleri.

**Rat illi fl-istess udjenza, id-difensur tal-intimati ddikjarat illi l-legittimu kontradittur tar-rikorrenti fil-kawza tal-lum huwa biss u esklussivament l-Avukat Generali. In vista ta` din id-dikjarazzjoni, ir-rikorrenti cedew l-atti tal-kawza fil-konfront ta` l-intimati l-ohra. In vista ta` din ic-cessjoni, kienet ritirata l-ewwel eccezzjoni preliminari.**

Rat in-nota li pprezentaw ir-rikorrenti fit-3 ta` Awissu 2012 b`kopja tal-atti tal-kawza fl-ismijiet "*Doris Depiro Gourgion et vs Kate Sullivan et*" (Avv Nru 2284/97).

Rat id-digriet taghha moghti fl-udjenza tat-22 ta` Ottubru 2012 fejn, wara talba tar-rikorrenti li ma kenitx opposta mill-intimat, ordnat il-kjamata fil-kawza ta` Mark Pace.

Rat ir-risposta li l-kjamat fil-kawza pprezenta fl-<u>20 ta` Novembru 2012</u> u li taqra hekk –

*1. Illi dan ir-rikors huwa null kif ukoll irritwali peress illi r-rikorrenti agixxew b`dan ir-rikors qabel ma ezawrew ir-rimedji lilhom spettanti skont il-ligi*

*2. Illi bejn ir-rikorrenti u l-esponent hemm kawza pendenti quddiem il-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fl-ismijiet 'Depiro Gourgion Doris et pro et noe -vs- Sullivan Kate et' (Citaz Nru 2284/1997) li tinsab differita ghat-22 ta` Novembru 2012 fejn ir-rikorrenti qeghdin jitolbu r-ritrattazzjoni tas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell fid-29 ta` Frar 2012, fejn il-Qorti cahdet l-appell tar-rikorrenti u ordnat l-izgumbrament taghhom mill-fond 2, St. Paul`s Square, Mdina ;*

*3. Illi dik il-kawza ta` zgumbrament giet introdotta fis-sena 1997 li kif inghad fuq ghadha pendenti ;*

*4. Ir-rikorrenti pprezentaw dan ir-rikors kostituzzjonali fis-26 ta` Marzu 2012 cioe` fil-pendenza tal-kawza ta` ritrattazzjoni li giet introdotta proprju l-ghada tal-prezenti rikors u cioe` fis-27 ta` Marzu 2012 ;*

*5. Dan juri b`mod car l-ambigwita` u irritwalita` ta` zewg rikorsi li legalment mhux koncepibbli li jimxu flimkien izda kif inghad fuq ir-rikorrenti kellhom l-obbligu li jezawrixxu l-proceduri tar-ritrattazzjoni qabel ma jintroducu r-rikors odjern.*

*6. Illi minghajr pregudizzju tal-premess it-talbiet tar-rikorrenti fil-konfront tal-esponent huma bla bazi legali u huma ntizi biss biex jipprivaw lill-esponent milli jiehu pussess tal-fond in kwistjoni kif determinat mill-Qorti.*

Rat in-nota li pprezentaw ir-rikorrenti fil-21 ta` Dicembru 2012 b`kopja tal-atti tal-kawza ta` ritrattazzjoni fl-ismijiet "*Doris Depiro Gourgion et vs Kate Sullivan et*".

Semghet ix-xiehda ta` Edward Buttigieg u ta` Mark Sultana fl-udjenza tad-9 ta` Mejju 2013 u rat id-dokument li kien esebit fl-istess udjenza.

**Rat id-digriet li tat fl-istess udjenza fejn, wara talba tal-Avukat Generali u tal-kjamat fil-kawza, li ma kenitx opposta mir-rikorrenti, tat direzzjoni lill-partijiet fis-sens illi kellhom iressqu provi biss dwar it-tieni eccezzjoni tal-Avukat Generali u dwar l-ewwel eccezzjoni tal-kjamat fil-kawza.**

Rat in-nota b`dokumenti li pprezenta l-kjamat fil-kawza fis-16 ta` Mejju 2013.

Rat in-nota b`dokumenti li pprezentaw ir-rikorrenti fis-27 ta` Gunju 2013.

Rat in-noti ta` osservazzjonijiet tal-partijiet.

**Rat is-sentenza parzjali li tat fid-29 ta` April 2014 fejn, ghar-ragunijiet hemm indikati, cahdet it-tieni eccezzjoni tal-Avukat Generali u l-ewwel eccezzjoni tal-kjamat fil-kawza, bl-ispejjez jibqghu rizervati ghall-gudizzju finali.**

Semghet ix-xiehda tar-rikorrent Michael Bonello fl-udjenza tat-2 ta` Ottubru 2014 u rat id-dokument li pprezenta r-rikorrent fl-istess udjenza.

Rat id-digriet li tat fl-udjenza tal-11 ta` Novembru 2014 fejn hatret lill-Assistent Gudizzjarju Av. Anna Mifsud Bonnici sabiex tisma` x-xiehda tar-rikorrenti Kate Sullivan fir-residenza taghha.

Rat it-traskrizzjoni tax-xiehda tar-rikorrenti Kate Sullivan tal-1 ta` Dicembru 2014, kif ukoll id-dokumenti li pprezentat.

Semghet ix-xiehda ta` Dr Astrid May Grima u tal-kjamat fil-kawza fid-29 ta` Jannar 2015 u rat id-dokumenti li kienu prezentati fl-istess udjenza.

Rat in-noti ta` osservazzjonijiet tal-partijiet.

Rat id-digriet li tat fl-udjenza tal-25 ta` Gunju 2015 fejn halliet il-kawza ghas-sentenza.

Rat l-atti l-ohra tal-kawza.

## II. Sintesi tal-provi

Mill-Ufficcju tal-Avukat Generali kienet ipprezentata kopja tal-abbozz ta` ligi dwar il-konkubinagg li tressaq fil-Parlament wara l-2006.

**Edward Buttigieg** mid-Dipartiment tas-Sigurta` Socjali xehed illi bejn l-Awstralja u Malta kien sar ftehim li dahal fis-sehh f`Awissu 1990 fejn cittadin tal-Awstralja seta` jikseb ukoll ic-cittadinanza ta` Malta dment li jkollu perijodu ta` residenza Malta jew ikun hadem Malta. Wara l-1990, jekk persuna tkun hadmet ghal zmien Malta u ghal zmien iehor l-Awstralja, dik il-persuna tkun tista` tiehu pensjoni. Qal illi huwa seta` jwiegeb biss dwar materji relatati ma` kontribuzzjonijiet tas-sigurta` socjali jew pensjonijiet. Cittadini tal-Awstralja, li kienu jghixu Malta, huma ntitolati ghal beneficcji. Fil-ftehim ta` bejn Malta u l-Awstralja, ma kienx hemm referenza ghall-koabitazzjoni.

**Mark Sultana** mid-Dipartiment tac-Cittadinanza u Expatriates xehed illi dahlet ic-cittadinanza doppja, persuna li tkun twieldet bejn il-21 ta` Settembru 1964 u l-1 ta` Awissu 1989 go Malta, irrispettivament minn jekk il-genituri taghha humiex Maltin, kienet tigi dikjarata bhala cittadin ta` Malta. Fl-2000, il-ligi nbdilet fis-sens li sabiex persuna ssir cittadin ta` Malta, trid ikollha xi hadd mill-genituri taghha li jkun cittadin ta` Malta, jew alternattivament il-persuna tkun ilha perijodu ta` zmien tghix Malta jew tkun izzewwget cittadin Malti. Persuni li jitwieldu barra miz-zwieg mhumiex awtomatikament cittadini ta` Malta izda l-genitur bijologiku (jekk ikun Malti) jista` japplika ghal cittadinanza biex ibnu jew bintu tinghata c-cittadinanza. Fl-2007 saru emendi fejn kien rikonoxxjut illi jekk persuna kellha l-antenati taghha li twieldu Malta, dik il-persuna tkun tista` tinghata c-cittadinanza Maltija. Persuni li twieldu qabel l-1964 ma kinux cittadini ta` Malta u dana jekk ma jkollhomx xi hadd mill-genituri cittadin ta` Malta.

**Ir-rikorrent Michael Bonello** xehed illi fl-1967 huwa kien fizzjal tal-Royal Malta Artillery u ried jissepara minn martu. Minhabba li dak iz-zmien kien skandlu li tissepara, u wiehed ma setax jibqa` fl-armata jekk ikun qed jissepara, irrizenja mill-armata fis-16 ta` Dicembru 1967. Wara beda l-proceduri ta` s-separazzjoni. Dak iz-zmien huwa kien ghadu sportiv u kien sar hbieb mal-Acting High Commissioner tal-Awstralja go Malta Douglas Turkey. Xi zmien wara l-High Commissioner Awstraljan kien qed jospita lir-rikorrenti Kate Sullivan u t-tifla taghha ta` sitt snin Fiona. Iltaqa` maghha u u wara ftit taz-zmien bdew relazzjoni ntima bejniethom. Kate kienet giet Malta biss ghal vizta u ma kellhix la visa u la permess ta` residenza. Huma riedu jibdew jghixu flimkien u riedu jaghmlu dan go post fejn kien hemm certa privatezza. Ghalhekk ghazlu li jmorru jghixu l-Imdina u sabu appartament fil-Casa del Magistrato. Meta

kienu qeghdin hemm, semghu li xi nies kienu qed jivvakaw r-residenza, u wara li saqsewhom ta` min kienet d-dar, qalulhom li kienet ta` Sander Depiro.

Kompla jixhed illi billi kien jaf lil Sander Depiro, huwa cempillu sabiex jistaqsieh dwar il-post. Depiro rwiehom id-dar u ftehmu mieghu li ssir kirja. Is-sid qalilhom biex imorru l-ufficcju tieghu u Depiro stess tah l-parir illi l-kuntratt ta` kera isir f`isem Kate Sullivan minhabba s-sitwazzjoni familjari taghhom ta` koabitazzjoni. Fuq il-kuntratt ikun hemm isimha imma fil-ledger tieghu jkun hemm isimhom t-tnejn. Fil-fatt hekk ghamlu. Dahlu fid-dar u rrangawha : kollox gdid.

Stqarr illi huwa u Kate Sullivan kellhom zewgt itfal li twieldu fl-1970 u fl-1973 rispettivament. Hija xtaqet tahdem Malta izda ma kellhiex work permit. In segwitu kien avvicinah l-Konslu tal-Oman u kien offrielha mpjieg bhala segetarja. Qalilha li ma kellhiex bzonn ta` work permit ghaliex dak kien xoghol diplomatiku. Wara gimgha li kienet bdiet tahdem, marru l-pulizija d-dar, haduwha d-depot, u qalulha li kellha zmien 24 siegha sabiex titlaq minn Malta u thalli t-tfal warajha. Cemplet lill-High Commissioner tal-Awstralja li rnexxielu jwaqqaf il-process tat-tkeccija. Intant baghat ghalihom il-Kap tac-Civil, Albert Agius Ferrante. Qalilhom li s-soluzzjoni kienet li r-rikorrenti titlaq b`wiehed mit-tfal u huwa jibqa` Malta bit-tifel l-iehor. Il-kwistjoni rrisolviet ruhha billi nghatat garanzija bankarja ; u b`hekk Kate Sullivan setghet tibqa` toqghod Malta b`permess ta` residenza bil-kondizzjoni li ma tahdimx.

Fisser illi meta gie biex jirregistra t-twelid tat-tfal, qalulu li kellu jnizzilhom b`*unknown father.* Huwa ma riedx li jsir hekk ghaliex mhux hekk kien il-kaz. Wara ghadd ta` laqghat mal-ufficjali tar-Registru Pubbliku, sabu li kien hemm klawsola li tghid li l-problema kollha illi omm it-tfal kienet divorzjata u l-ewwel ragel taghha dak iz-zmien kien ghadu haj. Ghalhekk rregistraw l-ulied f`ismu wkoll billi ghamlu d-dikjarazzjoni fis-sens illi *" .... who was absent from these islands during the whole period of 300 days previous to the birth of the said child."*

Qal illi sabu soluzzjoni wkoll sabiex Kate Sullivan tkun tista tahdem billi saret kumpannija, fejn Kate Sullivan kienet azzjonista u direttur u b`hekk seta` johrog work permit. Ghall-bidu l-work permit kien johrog ghal sena biss, izda in segwitu beda jiggedded ghal perijodu ta` hames snin kull darba.

Mistoqsi mill-Qorti jekk ladarba d-divorzju sar ligi tal-pajjiz kienx huwa ddivorzja mill-mara tieghu, ir-rikorrent wiegeb li ma kienx ghamel proceduri ta` divorju mill-mara tieghu : la barra u lanqas Malta. Ried imur ghall-annullament taz-zwieg izda l-mara tieghu ma kenitx favur.

Kompla jghid illi dak iz-zmien sabiex Kate Sullivan tiehu c-cittadinanza Maltija kien ikollha tirrinunzja ghall-passaport Awstraljan, u anke ta` New Zealand fejn twieldet. Billi ma kellhiex sigurta` li tista tibqa` Malta, ma rieditx tirrinunzja ghac-cittadinanza Awstraljana. Meta mbaghad saret il-ligi tac-cittadinanza doppja, hija akkwistat c-cittadinanza Maltija. Illum ghalhekk ghandha kemm ic-cittadinanza Awstraljana kif ukoll dik Maltija.

Mistoqsi mill-Qorti jekk illum ghandhiex restrizzjonijiet, ir-rikorrent wiegeb illi m`ghandhiex ; infatti ghandha d-drittijiet kollha nkluz il-ligijiet tas-sigurta` socjali, u l-jedd ghall-kura medika bla hlas.

Mistoqsi mill-Qorti ghaliex kien qed jinsisti fuq din il-kawza ladarba Kate Sullivan hadet id-drittijiet, ir-rikorrent wiegeb illi l-unika kwistjoni li fadal hija dwar l-inkwilinat tad-dar ghaliex mhijiex qeghda tigi rikonoxxjuta mil-ligi bhala cittadina Maltija.

**Fil-kontroezami**, ir-rikorrent stqarr illi l-iskrittura tal-kera saret bil-miktub fl-1968 bejn Dr. Depiro Gourgion u Kate Sullivan. Huwa kien ihallas il-kera lis-sid personalment u baqa` jaghmel hekk sal-1995. Mistoqsi ghaliex ma kienx biddel l-kuntratt stante li l-adulterju ma kienx baqa` reat kriminali, ir-rikorrent wiegeb illi huwa kien isemmi din l-kwistjoni mas-sid, izda dan dejjem kien ighidlu li kien hemm ismu fuq l-ledger, u li kulhadd kien jaf li kien jirrikonoxxih u li kien jaf li kien ighix hemm ma` Kate Sullivan flimkien ma` uliedhom. Il-kawza ta` zgumbrament saret kontra l-inkwilin.

**Ir-rikorrent Kate Sullivan** xehdet illi hija giet Malta fl-1968 flimkien ma` bintha ta` 6 snin. Hija kienet divorzjata. Saret taf lir-rikorrent Michael Bonello permezz ta` habib tat-tnejn. Wara ftit zmien bdew ighixu flimkien bhala familja. Dak iz-zmien Michael Bonello kien separat. Ghall-bidu bdew jghixu faccata ta` fejn joqghodu llum go flat li dak z-zmien kien jaghmel parti mix-Xara Palace. Ftit taz-zmien wara saru jafu mill-inkwilin ta` fejn joqghodu llum li ma kienx ser jibqa` joqghod fil-post. Ghalhekk Michael Bonello ghamel kuntatt ma` Dr. Sander Depiro Gourgion li kien is-sid tal-post u li kien habib taghhom. Dan uriehom il-post u ghogobhom. Kien kuntenti li jibqghu jghixu l-Mdina ghaliex kienu qed jghixu flimkien ghalkemm mhux mizzewgin u ghalhekk kien ahjar ghalihom li jibqghu oqghodu l-Mdina.

Qalet illi marru l-ufficcju ta` Dr. Depiro Gourgion, li anke bhala avukat kien tahom il-parir li fic-cirkostanzi u minhabba l-fatt li kienu qed jikkoabitaw, jekk Michael Bonello kien se jiffirma l-ftehim tal-kera seta` kien qieghed jinkrimina ruhu. Ghalhekk Dr. Depiro Gourgion ippropona li tiffirma l-kuntratt hi, ghalkemm ghalih kien se jfisser li l-ftehim kien maghhom it-tnejn. Qalilhom li kien jifhem ic-cirkostanzi taghhom ghaliex huwa stess kellu dak iz-zmien kellu relazzjoni ma` Doris Peralta li kienet mara mizzewga. Qal ukoll li fil-ktieb tal-

kera kien se jikteb iz-zewg ismijiet, sabiex ikun hemm konferma li t-tnejn kienu l-inkwilini.

Stqarret li meta dahlu fid-dar, din kienet fi stat hazin u ta` dilapidazjoni. Ghalhekk ghamlu l-mijoramenti kollha necessarji sabiex ikunu jistghu jghixu fid-dar.

Sostniet illi fl-1970 twieled l-ewwel wild taghhom jismu Adam. Meta Michael Bonello mar biex jirregistra t-tifel, il-formula prodotta kienet tirrikjedi biss l-firma tal-omm, u l-missier kien awtomatikament "*unknown*". Huma rrifjutaw li jiffirmaw jekk dan ma jsirx mit-tnejn. Michael Bonello kien jaf Surgent u ghall-ewwel darba saret formula li hija esebita bhala Dok MD1.

Tghid illi kien difficli ghaliha li ssib xoghol Malta. Ir-regola kienet illi jrid ikollok work permit. Izda anke jekk ikollok work permit, l-avviz tal-impieg kellu jigi pubblikat f`gazzetta fi tliet okkazjonijiet. Jekk l-ebda Malti ma jiehu l-impieg, allura jiehdu l-barrani b`work permit. Sabet xoghol fil-Konsolat tal-Oman. Xi xhur wara, marru l-pulizija, u haduwha l-kwartieri generali tal-pulizija sabiex tiltaqa` mal-Kummissarju Dr. Lawrence Pullicino. Dan qalilha li kellha 24 siegha biex thalli l-pajjiz, minghajr t-tfal taghha, ghaliex ma kellhiex permess tahdem. Il-Konsulat kien qalilha li ma kellhiex bzonn ta` work permit ghaliex ix-xoghol taghha kien xoghol diplomatiku. Ghamlet kuntatt mal-High Commissioner Awstraljan li ntervjena u waqa` kollox, ghalkemm mill-ufficcju tal-Prim` Ministru kisbu garanzija bankarja minghandha.

Stqarret illi meta t-tifel ghalaq 18 il-sena, kellu jirrinunzja ghac-cittadinanza Awstraljana, u anke ghad-dritt tieghu li jikseb ic-cittadinanza ta` New Zealand. Ghalhekk bdiet tahdem favur dawk kollha li kienu gew sfurzati li jirrinunzjaw ghac-cittadinanza taghhom sabiex jibqghu Malta, u kienet issemmiet dan il-grupp taghha bhala "The Maltese Cross Group". Ipprezentat lista tax-xoghol kollu li ghamlet.

Tishaq li ma saritx cittadina Maltija qabel saret il-ligi l-gdida, ghaliex li kieku kellha ssir cittadina Maltija mhux biss kien ikollha tirrinunzja ghac-cittadinanza Awstraljana izda anke ghad-dritt taghha li tikseb ic-cittadinanza ta` New Zealand. Meta l-ligi kienet emendata fl-2000, u fejn allura seta` jkollha cittadinanza doppja, hija applikat u kisbet ic-cittadinanza Maltija.

Qalet illi wara li miet Dr. Depiro Gourgion, Doris Peralta bdiet kawza ta` zgumbrament kontrihom. Hija kellha l-uzufrutt tad-dar.

**<u>Fil-kontroezami</u>**, Kate Sullivan xehdet illi d-dar kienet parti minn dar

akbar. Id-dar taghhom hija 2, St. Paul`s Square, Mdina. U d-dar l-ohra hija 3, Triq Villegaignon, Mdina. L-iskrittura tal-kera qatt ma nbidlet. L-iskrittura ggib il-firma taghha biss. Dehret il-firma taghha biss minhabba l-implikazzjonijiet kriminali. Ikkonfermat illi wara li nbidlet il-ligi dwar l-adulterju, ma hadux passi legali. Il-kera originali kienet ta` Lm 30 fix-xahar li mbaghad nizlet ghal Lm 25 fix-xahar. Hekk ghadha sal-lum. Mistoqsija jekk skont il-ligi Awstraljana setax wiehed jakkwista c-cittadinanza doppja, Kate Sullivan wiegbet li hekk huwa l-kaz b`sehh mill-2002.

**<u>Fir-riezami</u>**, ir-rikorrenti xehdet illi Dr. Depiro Giourgion miet fis-26 ta` Mejju 1995. Dak iz-zmien, Michael Bonello kien ihallas il-kera ghaliex hi ma setghetx. Kull darba li kien ihallas, is-sid kien jikteb ismu fil-ktieb tal-kera.

**<u>Dr. Astrid May Grima</u>** mid-Dipartiment tac-Cittadinanza u Expatriates xehdet illi r-rikorrenti Kate Sullivan saret cittadina Maltija fil-25 ta` Ottobru 2002. Hija kienet giet Malta fl-1968. Kellha relazzjoni ma` cittadin Malti u minn dik ir-relazzjoni kellha zewgt ulied. Fl-1975 hija applikat ghac-cittadinanza Maltija izda l-applikazzjoni taghha kienet rifjutata fil-1976 skont il-*policies* ta`t dak z-zmien. Mistoqsija mill-Qorti x`kienet ir-raguni ghar-rifjut, ix-xhud wiegbet illi dak iz-zmien l-ghoti tac-cittadinanza kienet fid-diskrezzjoni tal-Ministru. Wara li rega` applikat fl-2002 bil-preciz fix-xahar ta` Mejju, inghatat ic-cittadinanza fix-xahar ta` Ottubru. Stqarret illi fl-1987, kien hemm bdil fil-*policy* tad-Dipartiment izda mhux fil-ligi. Effett tal-bdil fil-*policy,* persuni li kienu ilhom joqghodu Malta ghal zmien ta` bejn it-18 u l-20 sena, setghu japplikaw ghac-cittadinanza, u jigu kkonsiderati b`mod aktar favorevoli.

**<u>Il-kjamat fil-kawza</u>** xehed illi huwa jigi n-neputi ta` Alexander Depiro Gourgion, u wiret id-dar fejn joqghodu r-rikorrenti. Huwa wiret d-dar fl-2008 ghaliex wara li Depiro Gourgion miet fl-1995, kienet uzufruttwarja l-mara tieghu, u wara li mietet hi, inqasam il-wirt. Depiro Gourgion kien jiehu hsieb il-kirjiet u l-qbiela tal-proprjetajiet tieghu. Wara li miet wiehed mis-sitt werrieta ossia Noel Radmilli huwa kien jghin lill-uzufruttwarja fil-amministrazzjoni. Meta wiret hu, il-kawza kontra r-rikorrenti kienet diga` bdiet. Mistoqsi mill-Qorti meta sar jaf bir-rikorrenti, huwa wiegeb illi huwa minn dejjem kien jaf li kienu jghixu fil-post. Kien jaf illi Depiro Gourgion kien kera l-post lil Kate Sullivan, mhux lil Michael Bonello. Mistoqsi kif kienu jinkitbu l-inkwilini fil-ktieb tal-kera, huwa wiegeb illi Dr. Depiro Gourgion kien bniedem preciz hafna u kien inizzel kollox. L-uniku ktieb tal-kera li ma giex irritornat huwa proprju dan li kien ghand Michael Bonello, li jipprova jghid li qatt ma kien hemm ktieb tal-kera. Fil-kawza kien irrizulta li Michael Bonello kien imnizzel fil-ledger, imma dak iz-zmien kien ihallas ghal Kate Sullivan.

## III. <u>Sottomissjonijiet</u>

**1) Ir-rikorrenti**

Ir-rikorrenti jsostnu illi meta bdew jghixu flimkien bhala familja fl-1968, kien reat kriminali punibbli b`piena karcerarja illi ragel mizzewweg izomm konkubina. Ir-rikorrenti Kate Sullivan kienet divorzjata waqt li r-rikorrent Michael Bonello kien ghaddej minn proceduri ta` separazzjoni personali. Huma ghazlu li jmorru jghixu l-Mdina ghaliex dak iz-zmien hadd ma ried ighix hemm u ghalhekk hassewhom protetti. Ir-rikorrent Michael Bonello kien avvicina lil Dr. Alexander Depiro Gourgion sabiex jikri d-dar 2, Misrah San Pawl, Mdina, u s-sid accetta. Meta waslu sabiex jiffirmaw l-iskrittura ta` kera, Dr. Depiro Gourgion ta parir lir-rikorrent sabiex ma jiffirmax l-iskrittura halli jevita konsegwenzi kriminali ; fil-fatt l-iskrittura kienet iffirmata biss mir-rikorrenti Sullivan.

Aktar fatti fil-qosor : Ir-rikorrenti jikkontendu illi ghalkemm huma dejjem ghixu bhala familja, ir-relazzjoni taghhom qatt ma kienet rikonoxxjuta mill-Istat Malti. Huma ma setghux jizzewgu ghaliex Bonello kien ghadu mizzewweg, u ma kienx jezisti l-istitut tad-divorzju. Huma kellhom problema wkoll meta marru biex jirregistraw lill-ulied minn dik ir-relazzjoni fir-Registru Pubbliku. Ir-rikorrenti ma setghetx tirrisjedi f`dawn il-Gzejjer ghalkemm kellha relazzjoni ma` cittadin Malti, u ghalhekk kellha testendi l-visa regolarment. Sullivan ma setghetx tahdem u sabiex isir dan kellha ggib avviz fil-gazzetta tlett darbiet fejn jigi ddikjarat li bl-impjieg taghha ma kenitx qed tiehu l-impjieg ta` cittadin Malti.

Jissottomettu illi ghalkemm dawk li kienu l-Art 206 u 207 tal-Kap 9 kienu tnehhew, il-Qrati ta` gurisdizzjoni civili baqghu jinterpretaw il-konkubinat bhala att immorali bil-konsegwenzi negattivi civili li allegata mgieba mmorali ggib maghha. Ghalkemm tressaq abbozz ta` ligi sabiex il-koabitazzjoni tkun regolarizzata, ir-rikorrenti ghadhom sal-lum mhux rikonoxxjuti bhala familja.

Ir-rikorrenti jaghmlu riferenza ghall-gurisprudenza tal-ECHR citata fir-rikors promotur kif ukoll ghall-provi dwar il-kwistjoni tal-kirja li kienet il-mertu ta` proceduri ohra.

**2) L-intimat Avukat Generali**

Wara li jaghmel riassunt tal-fatti, l-Avukat Generali jissottometti li l-kawza tal-izgumbrament tar-rikorrenti mill-fond 2, Misrah San Pawl, Mdina, ghaddiet in gudikat hekk kif kienet respinta t-talba taghhom ghar-ritrattazzjoni tal-kawza.

Dwar l-eccezzjoni illi l-azzjoni tar-rikorrenti hija inammissibbli *ratione*

*temporis*, l-Avukat Generali jirreferi ghall-Art 7 tal-Kap 319.

Jirreferi wkoll ghas-sentenza li tat il-Qorti Kostituzzjonali fis-17 ta` Ottubru 2007 fil-kawza "**AIC Joseph Barbara et vs Onorevoli Prim Ministru**".

Skont l-Avukat Generali, il-fulkru tal-kwistjoni hija li meta r-rikorrenti marru sabiex jikru l-fond de quo, billi dak z-zmien il-konkubinagg u l-adulterju kienu punibbli kriminalment, huma hadu l-parir tas-sid illi l-iskrittura tal-kera tkun iffirmata mir-rikorrenti Sullivan biss. L-iskrittura saret fil-25 ta` Lulju 1968. Ghalhekk – skont l-Avukat Generali - kull allegazzjoni tar-rikorrenti li nkisru l-jeddijiet fundamentali taghhom inkwantu kienu "*kostretti*" mil-ligijiet vigenti dak iz-zmien illi tiffirma l-iskrittura ta` lokazzjoni r-rikorrenti Sullivan biss tipprecedi t-30 ta` April 1987, u ghalhekk l-ilment tar-rikorrenti ma jistax jaghti lok ghal dawn l-proceduri.

Dwar l-allegazzjoni tar-rikorrenti Sullivan illi ma setghetx ssir cittadina Maltija, l-Avukat Generali jirreferi ghax-xiehda ta` Dr. Astrid May Grima. Infatti rrizulta li wara li l-applikazzjoni taghha tal-1975 kienet respinta, rega` applikat ghac-cittadinanza f`Mejju 2002. Ghalhekk, minghajr pregudizzju ghall-fatt li l-Konvenzjoni ma taghti l-ebda dritt sostantiv ta` cittadinanza, ir-rikorrenti setghet effettivament tapplika u tinghata cittadinanza fl-1987.

Rigward l-hames eccezzjoni, jigifieri l-inammissibilita` *ratione temporis* skont l-Art 47(7) tal-Kostituzzjoni, l-Avukat Generali jirrileva illi l-ligijiet li jirreferu ghalihom ir-rikorrenti u cioe` l-Art 206 u 207 tal-Kodici Kriminali llum gew revokati. Kemm il--Kodici Kriminali kif ukoll l-Kodici Civili, stante li r-rikorrenti taghmel referenza wkoll ghal Art. 1012 tal-Kodici Civili, huma nkluzi fl-Ewwel Skeda tal-Kostituzzjoni. Kif jirrizulta minn Dok AG1 sa Dok AG3, l-Art 206 u 207 mhux biss dahlu fis-sehh qabel t-30 ta` Gunju 1993, izda kienu gew mhassra ferm qabel bl-Att Nru II tal-1973.

Trattati l-eccezzjonijiet ta` natura legali, l-Avukat Generali jmur ghall-mertu.

Jissottometti li l-Istat mhuwiex responsabbli ghall-parir legali li allegatament inghata lir-rikorrenti mill-Av. Alexander Depiro Gourgion sabiex l-iskrittura tigi ffirmata mir-rikorrenti Sullivan biss.

B`zieda ma` dan, l-Art 206 u 207 tal-Kodici Kriminali thassru fl-1973. Ghalhekk jekk ir-raguni li r-rikorrent Bonello ma ffirmax l-iskrittura tal-kera allegatament minhabba dawk id-disposizzjonijiet, wara li kienu revokati, xejn

ma kien izomm lir-rikorrenti milli jitolbu lis-sid sabiex jirrikonoxxihom it-tnejn bhala nkwilini.

Skont l-Avukat Generali, il-passivita` ghal tant snin tar-rikorrenti ggib fix-xejn il-pretensjoni taghhom li l-jedd ghall-familja kien ivvjolat meta l-ligi in kwistjoni tnehhiet fl-1973.

Dwar l-ilment tar-rikorrenti Sullivan illi ma setghetx issir cittadina Maltija qabel l-2002, l-Avukat Generali jirrileva illi l-Art 8 tal-Konvenzjoni u l-Art 32 tal-Kostituzzjoni ma jaghtu l-ebda dritt li wiehed jikseb ic-cittadinanza, apparti l-fatt illi saret il-prova li l-*policy* dwar c-cittadinanza nbidlet fl-1987. Kienet biss l-ghazla ta` Sullivan illi ma tapplikax ghac-cittadinanza maltija fil;-verita` ghaliex il-ligi Awstraljana tac-cittadinanza doppja inbidlet fl-2002. Ghalhekk ir-rikorrenti baqghet tistenna sakemm tinbidel il-ligi Awstraljana qabel tressaq it-talba taghha lill-Istat Malti.

Ghalkemm r-rikorrenti jilmentaw li ghadhom mhux rikonoxxuti bhala familja, skond l-ligi civili prezenti ma hemm xejn li jostakola lir-rikorrenti Bonello li jikseb divorzju u jizzewweg civilment lir-rikorrenti Sullivan. Kien biss fil-mori ta` din l-kawza li Bonello pprezenta d-dokumentazzjoni relattiva ghal proceduri ta` divorzju. Ghalhekk kull allegazzjoni li gie lez d-dritt tar-rikorrenti ai termini tal-Artikolu 32 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni huma ghal kollox infondati u nsostenibbli.

Ghall-Avukat Generali, il-vera raguni ghala r-rikorrenti taw bidu ghall-procediment odjern kien sabiex ibeghdu kemm jistghu l-izgumbrament taghhom mill-fond de quo.

L-Avukat Generali jsostni wkoll illi hija nsostenibbli l-pretensjoni tar-rikorrenti illi l-Art 5 tal-Kap 158 huwa diskriminatorju fil-konfront taghhom. Fil-fatt issir riferenza ghas-sentenza li tat il-Qorti Kostituzzjonali fis-9 ta` Frar 2007 fil-kawza "**Joseph Grech et vs Il-Ministru responsabbli mill-Familja u s-Solidarjeta Socjali et**" fejn inghad illi ma jistax ikun hemm ksur tal-Art 14 tal-Konvenzjoni minghajr ksur ta` jedd iehor fondamentali protett mill-Konvenzjoni.

## 3) Il-kjamat fil-kawza Mark Pace

Il-kjamat fil-kawza jissottometti li l-kawza tal-izgumbrament saret fil-konfront tar-rikorrenti fil-vesti taghhom proprja u mhux bhala konkubini. Irrizulta mit-tlett sentenzi decizi mill-qrati ordinarji illi l-kirja tal-fond in kwistjoni kienet tispetta lir-rikorrenti Kate Sullivan u mhux liz-zewg rikorrenti

flimkien. Ghalhekk kull argument avvanzat rigward il-mertu ta` dan ir-rikors ghandu jirrigwarda lil Kate Sullivan biss.

Ikompli jinghad illi l-kawza ta` zgumbrament saret fl-1997. Skont ir-rapprezentanti tad-Dipartiment tac-Cittadinanza, ir-rikorrenti setghet titlob li tikseb ic-ittadinanza qabel il-presentata ta` l-kawza tal-izgumbrament u ghalhekk kienet tkun protetta bl-Art 5 tal-Kap 158. Sullivan ma kenixt applikat ghac-cittadinanza ta` Malta mhux minhabba xi ostakolu legali kostitwit mil-ligi nostrana izda minhabba ragunijiet personali u cioe` ghaliex riedet izomm c-cittadinanza Awstraljana. Hekk hareg car mix-xiehda taghha. Kollox juri illi r-rikorrenti holqot konfuzjoni bejn ic-cittadinanza taghha mal-koabitazzjoni, bir-rizultat li ghalhekk ma setghetx tusufrwixxi mil-ligi ai termini tal-Art 5 tal-Kap 158. Il-kondizzjoni msemmija fl-Art 5 tirrizulta f`numru ta` ligijiet nostrani bhal dik tal-akkwist ta` mmobbli minn barranin.

Jinghad ukoll mill-kjamat fil-kawza illi s-sentenzi li nghataw fil-kawza ta` zgumbrament u li ghaddew in gudikat mhumiex qeghdin jigu attakkati bir-rikors odjern. Ghalhekk jaghmlu stat fil-konfront tar-rikorrenti.

## IV. <u>It-tielet eccezzjoni tal-Avukat Generali</u>

**<u>L-Art 7 tal-Kap 319</u>** ighid :–

*Ebda ksur tal-Artikoli 2 sa 18 (inkluzi) tal-Konvenzjoni jew tal-Artikoli 1 sa 3 (inkluzi) tal-Ewwel Protokoll li jsir qabel it- 30 ta` April 1987 jew tal-Artikoli 1 sa 4 (inkluzi) tar-Raba` Protokoll, l-Artikoli 1 u 2 tas-Sitt Protokoll jew tal-Artikoli 1 sa 5 (inkluzi) tas-Seba` Protokoll li jsir qabel l-1 ta` April 2002, ma ghandu jaghti lok ghal xi azzjoni taht l-artikolu 4.*

Fis-sentenza li tat l-ECHR fil-5 ta` April 2011 fil-kaz ta` "**<u>Gera de Petri Testaferrata Bonici Ghaxaq v. Malta</u>**" inghad hekk :-

*38. The Court observes that in the absence of an express limitation, the Maltese declaration of 30 April 1987 is retrospective and the Court is therefore competent to examine facts which occurred between 1967 the date of ratification and 1987 the date on which the State`s declaration under former Article 25 became effective (see Bezzina Wettinger and Others v. Malta, no. 15091/06, § 54, 8 April 2008). As to the antecedent period, even though the Convention was applicable to Maltese territory, this had its basis in the United Kingdom`s Convention obligations. The present complaint is directed against the Maltese Government. Thus, the Court can only take into consideration the period which has elapsed since the Convention entered into force in respect of Malta (1967), although it will have regard to the stage reached in the proceedings by that date*

*(see, for example, Humen v. Poland [GC], no. 26614/95, §§ 58-59, 15 October 1999).*

**Abbazi tal-premess, billi r-rikorrenti qeghdin jikkontendu illi l-allegata vjolazzjoni subita bdiet isehh fl-1968/9, u billi t-tielet eccezzjoni tal-Avukat Generali hija ntiza biex tolqot safejn l-azzjoni tar-rikorrenti tikkoncerna allegat ksur tal-Konvenzjoni, l-istess eccezzjoni tal-Avukat Generali ma tistax tissussisti, u ghalhekk qeghda tkun michuda.**

## V. Ir-raba` eccezzjoni tal-Avukat Generali

**Fin-nota ta` osservazzjonijiet tieghu, l-Avukat Generali ddikjara li ma kienx qieghed jinsisti fuq din l-eccezzjoni partikolari.**

**Ghalhekk il-Qorti sejra tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri taghha.**

## VI. Il-hames eccezzjoni tal-Avukat Generali

<u>L-Art 47(7) tal-Kostituzzjoni</u> jghid :-

*Sa tmiem ta` perijodu li jaghlaq fit-30 ta` Ġunju 1993, ebda ħaġa li hemm f`xi liġi speċifikata fl-Ewwel Skeda li tinsab ma` din il-Kostituzzjoni u, sat-tmiem ta` perijodu ta` tliet snin li jibda bil-ġurnata stabbilita, ebda ħaġa li hemm f`xi liġi oħra magħmula qabel il-ġurnata stabbilita ma titqies li tkun inkonsistenti mad-disposizzjonijiet tal-artikoli 33 sa 45 (magħdudin) ta` dan il-Kapitolu u, salv kif intqal qabel, ebda ħaġa magħmula skont l- awtorità ta` xi liġi bħal dik ma titqies li tkun saret bi ksur ta` dawk l-artikoli.*

L-Ewwel Skeda tirreferi ghall-Kodicijiet fosthom il-Kodici Kriminali (Kap 9) u l-Kodici Civili (Kap 16).

Issa fil-kaz tal-lum, ir-rikorrenti qeghdin jitolbu lill-Qorti sabiex tiddikjara bhala llegali u kontra l-Kostituzzjoni l-Art 206 u 207 tal-Kap 9 (l-ewwel talba) u li l-interpretazzjoni rigoruza tal-qrati taghna tal-Art 1012 tal-Kap 16 fil-konfront taghhom hija llegali u kontra l-Kostituzzjoni (it-tieni talba).

**Il-Qorti tqis illi l-hames eccezzjoni hija ben fondata fil-konfront tat-talbiet tar-rikorrenti li ghalihom issir riferenza fil-paragrafu ta` qabel.**

**Ghar-rigward tal-ewwel talba**, il-Qorti tghid hekk :-

1) L-Art 206 u 207 thassru mill-Kodici Kriminali bl-Att II tal-1973. Dan ifisser illi b`effett mill-1973, dawk l-artikoli ma kellhomx aktar effett fuq ir-rikorrenti.

2) Apparti dan, l-Art 47(7) tal-Kostituzzjoni jirrendi inammissibbli din it-talba kif dedotta.

3) Apparti dan, hemm karenza evidenti tar-rekwizit tal-interess rikjest mil-ligi fit-talba tar-rikorrenti stante li ma jaghmel l-ebda sens guridiku li din il-Qorti tippronunzja ruhha dwar disposizzjonijiet tal-ligi li ilhom li thassru mill-Kodici Kriminali sa mill-1973.

**Ghar-rigward tat-tieni talba**, il-Qorti tghid hekk :-

1) L-Art 1012 tal-Kodici Civili (kif del resto d-disposizzjonijiet l-ohra tal-Kodici Civili) ma jistax jigi impunjat, in linea mat-tieni talba, in vista tal-Art 47(7) tal-Kostituzzjoni.

2) Pero` anke li kieku, ghall-grazzja biss tal-argument, setghet tigi superata l-pregudizzjali tal-Art 47(7) tal-Kostituzzjoni, mhuwiex il-kompitu ta` qorti ta` indole kostituzzjonali li tissindaka l-interpretazzjoni li jaghtu l-qrati ordinarja ghal disposizzjoni tal-ligi. Fil-kaz tal-lum, jirrizulta li r-rikorrenti thallew jiddefendu ruhhom ghall-istanza civili promossa kontra taghhom quddiem it-tribunali u/jew qrati ordinarji, u mkien la hemm u lanqas fil-procediment odjern ma sar l-icken ilment li saret xi vjolazzjoni tal-jedd taghhom ghal smigh xieraq.

**Ghalhekk l-ewwel u t-tieni talbiet tar-rikorrenti qeghdin jigu michuda**.

## VII. It-talbiet l-ohra

**L-Art 32 tal-Kostituzzjoni** jghid :-

*Billi kull persuna f`Malta hija intitolata ghad-drittijiet u libertajiet fundamentali tal-individwu, jiġifieri, id-dritt, tkun xi tkun ir-razza, post ta` oriġini, fehmiet politiċi, kulur, twemmin, sess, orjentazzjoni sesswali jew identità tal-ġeneru taghha, iżda suġġett ghar-rispett tad-drittijiet u l-libertajiet ta` ohrajn*

*u tal-interess pubbliku, ghal kull wahda u kollha kemm huma dawn li ġejjin, jiġifieri –*

*(a) il-hajja, libertà, sigurtà tal-persuna, it-tgawdija ta` proprjetà u l-protezzjoni tal-liġi ;*

*(b) il-libertà ta` kuxjenza, ta` espressjoni u ta` ghaqda u assoċjazzjoni paċifika ; u*

*(c) ir-rispett ghall-hajja privata u familjari tieghu,*

*id-disposizzjonijiet li ġejjin ta` dan il-Kapitolu jkollhom effett sabiex jaghtu protezzjoni ghad-drittijiet u libertajiet imsemmija qabel, salvi dawk il-limitazzjonijiet ta` dik il-protezzjoni kif jinsabu f`dawk id-disposizzjonijiet li huma limitazzjonijiet mahsuba biex jiżguraw illi t-tgawdija tal-imsemmija drittijiet u libertajiet minn xi individwu ma tippreġudikax id-drittijiet u libertajiet ta` ohrajn jew l-interess pubbliku.*

Il-Qorti tirrileva illi fl-Art 32 mhuwiex qieghed jigi stabbilit xi dritt li, bil-vjolazzjoni tieghu, ikun hemm ksur ta` jedd fundamentali tutelat bil-Kostituzzjoni. Dan ghaliex l-Art 32 huwa fis-sostanza dikjarazzjoni ta` liema huma d-drittijiet fundamentali tal-bniedem <u>sostantivi</u> li l-Kostituzzjoni qeghda thares bid-disposizzjonijiet ta` wara. Li din hija *la chiave di lettura* korretta tal-istat tad-dritt isib konferma bl-Art 46 tal-Kostituzzjoni li espressament jirreferi ghall-Art 33 sa l-Art 45, mhux ghall-Art 32, tal-Kostituzzjoni.

**Ghalhekk fejn it-tielet talba tirrigwarda l-Kostituzzjoni, it-talba qeghda tkun respinta.**

**Fl-istess talba, ir-rikorrenti jilmentaw minn vjolazzjoni tad-dritt fundamentali taghhom hekk kif tutelat bl-Art 8 tal-Konvenzjoni.**

<u>L-Art 8</u> ighid :-

*(1) Kulhadd ghandu d-dritt ghar-rispett tal-hajja privata tieghu u tal-familja tieghu, ta` daru u tal-korrispondenza tieghu.*

*(2) Ma ghandux ikun hemm indhil minn awtorita` pubblika dwar l-eżerċizzju ta` dan id-dritt hlief dak li jkun skond il-liġi u li jkun mehtieġ f`soċjeta` demokratika fl-interessi tas-sigurta` nazzjonali, sigurta` pubblika jew il-ġid ekonomiku tal-pajjiż, biex jiġi evitat id-diżordni jew l-eghmil ta` delitti, ghall-protezzjoni tas-sahha jew tal-morali, jew ghall-protezzjoni tad-drittijiet jew libertajiet ta` haddiehor.*

Fis-sentenza taghha tat-22 ta` Dicembru 2003 fil-kaz ta` "**<u>YF vs Turkey</u>**" l-ECHR qalet :–

*The Court observes that Article 8 is clearly applicable to these complaints, which concern a matter of "private life", a concept which covers the physical and psychological integrity of a person (see X and Y v. the Netherlands, judgment of 26 March 1985, Series A no. 91, p.11, § 22). It reiterates in this connection that a person`s body concerns the most intimate aspect of private life. Thus, a compulsory medical intervention, even if it is of minor importance, constitutes an interference with this right (see X v. Austria, no. 8278/78, Commission decision of 13 December 1979, Decisions and Reports (DR) 18, p. 155, and Acmanne and Others v. Belgium, no. 10435/83, Commission decision of 10 December 1984, DR 40, p. 254).*

Fis-sentenza taghha tat-12 ta` Jannar 2006 fil-kaz ta` "**<u>Mizzi vs Malta</u>**" l-ECHR qalet :–

*… The Court reiterates that the essential object of Article 8 is to protect the individual against arbitrary action by public authorities. There may in addition be positive obligations inherent in ensuring effective "respect" for private or family life. These obligations may involve the adoption of measures designed to secure respect for private life even in the sphere of the relations of individuals between themselves (see Mikulić, cited above, § 57).*

*106. However, the boundaries between the State`s positive and negative obligations under this provision do not lend themselves to precise definition. The applicable principles are nonetheless similar. In both contexts regard must be had to the fair balance that has to be struck between the competing interests of the individual and of the community as a whole; and in both contexts the State enjoys a certain margin of appreciation (see Keegan v. Ireland, judgment of 26 May 1994, Series A no. 290, p. 19, § 49, and Kroon and Others, cited above, p. 56, § 31).*

Riferibbilment ghall-fattispeci tal-kawza tal-lum, jirrizulta illi meta sar il-kuntratt ta` kiri fil-25 ta` Lulju 1968, ir-rikorrent Bonello kien ghadu fil-process li jinfired legalment minn martu, u ghalhekk dik l-iskrittura kienet saret biss mir-rikorrenti Sullivan bhala inkwilina, minhabba l-fatt li dak z-zmien kienu ghadhom vigenti l-Artikoli 206 u 207 tal-Kodici Kriminali. Bonello jghid li huwa ssepara legalment fis-27 ta` Dicembru 1968 mentri minn Jannar 1969, iz-zewg rikorrenti bdew ighixu flimkien. Ir-rikorrenti jilmentaw li l-istat ta` konkubinat kien impost fuqhom minhabba l-ligijiet vigenti dak iz-zmien. Isostnu wkoll li l-Art 5 tal-Kap 158 huwa diskriminatorju fil-konfront ta` Sullivan.

Il-bazi tal-ilment tar-rikorrenti huwa illi kien hemm vjolazzjoni tad-drittijiet fundamentali taghhom minhabba l-indhil jew l-ghemil tal-Istat illi ghamel mill-konkubinat reat kriminali tant illi kienu pprivati milli jiffirmaw l-

iskrittura tal-kera flimkien u kienu kostretti li tiffirma r-rikorrenti Sullivan wahedha. Jestendu l-ilment taghhom billi jikkontendu illi l-Istat naqas milli jaghmel ligi sabiex persuni li jkunu qeghdin fl-istess sitwazzjoni taghhom ikollhom harsien xieraq. Ghalhekk l-ilment tar-rikorrenti huwa marbut kemm mal-aspett tal-harsien tar-rispett ghall-hajja privata u kif ukoll harsien tar-rispett ghal hajja tal-familja taghhom.

Il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza ta` din il-Qorti (**JRM**) tal-20 ta` Ottubru 2015 fil-kawza "**Rosalie Darmanin vs il-Prim Ministru et**" fejn il-Qorti kellha l-okkazjoni li tqis allegata vjolazzjoni tal-Art 8 tal-Konvenzjoni ghaliex ir-rikorrenti lmentat illi l-Istat Malti kien naqas milli jaghti ligi fejn jirregola l-konkubinagg u l-effetti tal-istess wara li tintemm dik ir-relazzjoni.

Il-Qorti qalet hekk :-

*Illi tajjeb li jinghad li "hajja privata" fl-artikolu 8 tal-Konvenzjoni ghandha tifsira wiesgha li tghodd fiha l-aspetti tal-hajja fiżika u soċjali tal-persuna. Minbarra dan, ladarba l-istess artikolu hu mahsub li jhares il-jedd ghall- hajja tal-familja, hu mistenni li tintwera l-eżistenza tal-familja fiċ-ċirkostanzi li jqajmu l-ilment u li din iċ-ċirkostanza hija wahda ta` fatt. Madankollu, ghall-finijiet tal-istess artikolu, b``familja` wiehed ma jifhimx biss familja mnissla b`rabta ta` żwieġ, imma wkoll familji ta` fatt li jghixu flimkien barra ż-żwieġ u wkoll fejn ir-relazzjoni tkun bejn persuni tal- istess ġeneru, jew fejn ir-relazzjoni sahansitra ma tkunx wahda ta` koabitazzjoni. Jinghad ukoll li l-firxa tal-artikolu 8 tal-Konvenzjoni tghodd ukoll dwar relazzjonijiet jew rabtiet ta` `familja` li ghad iridu jew potenzjalment jistghu jiżviluppaw bejn il-persuni involuti (ġeneralment rabtiet bejn ulied u ġenituri) ;*

*Illi b`żieda ma` dan kollu, ghall-finijiet tal-Konvenzjoni, `hajja tal-familja` ma tahsibx biss f`rabtiet soċjali, morali u kulturali, imma tghodd fiha interessi ta` xehta materjali jew partimonjali bhalma huma kwestjonijiet ta` manteniment jew qsim tal-ġid miġmugh ukoll jekk dan isir mal-mewt ta` wahda mill-partijiet. Ghaliex ghalkemm kwestjonijiet bhal dawn "are not normally exercised until the estate-owner`s death, that is at time when family life undergoes a changeor even comes to an end, this does not mean that no issueconcerning such rights may arise before the death: the distribution of the estate may be settled, and in practice fairly often is settled, by the making of a will or of a gift on account of a future inheritance; it therefore represents a feature of family life that cannot be disregarded" ;*

…

*Illi huwa minnu li fis-sistema ġuridiku Malti ma hawn l-ebda liġi li tirregola b`mod speċifiku r-relazzjonijiet konkubinali jew more uxorio, partikolarment fejn xi wahda jew iż-żewġ partijiet ikunu ghadhom marbuta b`rabta ta` żwieġ ma` haddiehor. Minkejja li l-leġislatur ghamel liġi speċjali li thares l-unjonijiet ċivili, din ma tghoddx ghal rabtiet bhalma kienet ir-relazzjoni*

*tar-rikorrenti u l-persuna li ghexet maghha. Ghalhekk, ir-rikorrenti ma setghetx tinqeda bl-effetti ta` unjoni bhal dik fi tmiem ir-relazzjoni taghha, apparti li fil-każ taghha r-relazzjoni kienet ilha li ntemmet żmien twil qabel dahlet fis-sehh l-imsemmija liġi. Lanqas ma hawn mod kif issir ir-reġistrazzjoni ta` relazzjonijiet bhal dik li kellha r-rikorrenti. Madankollu, ma jistax jinghad lanqas li l-liġi hija ghal kollox sajma biex thares jew tirregola l-effetti – wkoll patrimonjali – ta` persuni f`relazzjoni konkubinali mat-tmiem taghha. Dan jinghad l-aktar fid-dawl tal-fatt li, ghall-kuntrarju ta` dak li tallega r-rikorrenti fir-rikors promotur taghha, il-Qrati Maltin m`ghadhomx iqisu relazzjoni bhal dik bhala wahda li tmur kontra l-morali jew l-ordni pubbliku. Ghalhekk, ma hemm xejn x`iżomm lil persuni li jkunu dehlin jew ikunu jinsabu f`relazzjoni bhal din li jaghmlu bejniethom patti jew ftehim dwar aspetti tat-tmexxija jew il-qsim ta` ġid maghmul minnhom matul dik ir-relazzjoni, liema ftehim ikunu wkoll eżegwibbli taht il-liġi. Dan jghodd ukoll fil-każ ta` ftehim li jkun jirrigwarda x`jiġri wara li r-relazzjoni tintemm ;*

*Illi, mbaghad, f`każijiet bhalma hu dak tar-rikorrenti, tqies li l-Istat ma ghandu l-ebda obbligazzjoni jew rabta li jaghti lil persuni f`relazzjoni konkubinali jew more uxorio l-istess harsien moghti lil persuni f`rabta ta` żwieġ bla ma b`daqshekk ikun naqas milli jwettaq ir-rabta li `jirrispetta` l- hajja privata u tal-familja tal-istess persuni ghaliex "Article 8 cannot be interpreted as imposing an obligation to establish a special regime for a particular category of unmarried couples". Il-Konvenzjoni nnifisha taghti gharfien partikolari ghall-istat taż-żwieġ fl-artikolu 12 taghha, liema gharfien ma taghtihx lil relazzjoni bejn persuni barra miż-żwieġ u t-trattament li l-Konvenzjoni taghti lil persuni miżżewġa ma jitqiesx li jghodd jew imissu jghodd ukoll ghal min ma jkunx f`rabta ta` żwieġ. F`dan ir-rigward, il-Qorti taqbel mas-sottomissjonijiet tal-intimati meta jghidu l-Konvenzjoni ma titfa` l-ebda piż fuq l-Istat biex iqis tal-istess kejl iż-żwieġ jew unjoni ċivili reġistrata mar-relazzjoni konkubinali. L-Istat ghandu kull jedd li jaghti gharfien partikolari liż-żwieġ jew unjoni ċivili u li ma jaghtix dak l-istess gharfien lil relazzjonijiet ta` fatt ohrajn"*

Din il-gurisprudenza tghodd ghall-kaz tal-lum.

Huwa evidenti illi l-iskop tar-rikorrenti illi jintavolaw dan il-procediment kien il-konsegwenza ta` sentenza definittiva li taw il-qrati ordinarji kontra r-rikorrenti Sullivan fejn kien ordnat l-izgumbrament taghha mill-fond 2, Misrah San Pawl, Mdina, ghaliex ma kellhiex il-protezzjoni li l-Kap 158 jaghti lil cittadini Maltin.

Hija l-fehma ta` din il-Qorti illi ma jistax iregi l-ilment tar-rikorrenti dwar l-Art 206 u 207 tal-Kodici Kriminali. Kien ippruvat infatti li dawn id-disposizzjonijiet thassru bl-Att II tal-1973. Ghalhekk jekk tassew is-sid kien jirrikonoxxi liz-zewg rikorrenti, ghalkemm fl-iskrittura tal-kirja ir-rikorrenti Sullivan wahedha kienet l-inkwilina, wara r-revoka ta` dawk id-disposizzjonijiet, ir-rikorrenti kellhom kull opportunita li jergghu jitkellmu mas-sid li, skont ir-

rikorrenti stess, kien ukoll habib taghhom, sabiex l-iskrittura tal-kirja tinbidel sabiex formalment u espressament iz-zewg rikorrenti jkunu l-inkwilini. Ma saret l-ebda prova li r-rikorrenti mqar ittentaw ikellmu lis-sid f`dan is-sens bil-konsegwenza li lanqas saret il-prova li r-rikorrenti ghamlu l-proposta lis-sid u dan irrifjuta. Ghalhekk ir-rikorrenti ma jistghux jilmentaw minn pregudizzju subit.

Ilment iehor tar-rikorrenti Sullivan huwa dwar l-Art 5 tal-Kap 158 fejn tidhol ic-cittadinanza. Jirrizulta ppruvat illi l-ewwel darba illi r-rikorrenti Sullivan applikat li biex issir cittadina Maltija kien fl-1975 izda dak iz-zmien it-talba taghha kienet respinta. Jirrizulta li fl-1987 inbidlet il-ligi izda dak iz-zmien r-rikorrenti Sullivan ghazlet li ma taghmilx applikazzjoni gdida ghac-cittadinanza Maltija ghaliex kien ikollha tirrinunzja ghac-cittadinanza Awstraljana u ghall-jedd li tapplika biex tikseb ic-cittadinanza ta` New Zealand. Jirrizulta li kien biss fl-2000 illi r-rikorrenti Sullivan rega` applikat ghaliex dak iz-zmien setghet tikseb c-cittadinanza doppja, billi mbaghad fl-2002, inbidlet ukoll il-ligi tal-Awstralja li kienet tikkoncedi lir-rikorrenti l-jedd li zzomm c-cittadinanza tal-Awstralja jekk tkun kisbet ic-cittadinanza ta` Malta. Ghal din il-Qorti, din is-sekwenza ta` fatti tfisser illi kienet ghazla tar-rikorrenti li ma titlobx li tikseb ic-cittadinanza Maltija qabel l-2000.

Fid-decizjoni li tat l-ECHR fil-15 ta` Jannar 2007 fil-kaz ta` "**Sisoyeva and others v. Latvia** inghad illi –

*This principle applies to immigration matters as well as in other spheres. Hence, as the Court has reaffirmed on several occasions, Article 8 cannot be construed as guaranteeing, as such, the right to a particular type of residence permit. Where the domestic legislation provides for several different types, the Court must analyse the legal and practical implications of issuing a particular permit. If it allows the holder to reside within the territory of the host country and to exercise freely there the right to respect for his or her private and family life, the granting of such a permit represents in principle a sufficient measure to meet the requirements of that provision. In such cases, the Court is not empowered to rule on whether the individual concerned should be granted one particular legal status rather than another, that choice being a matter for the domestic authorities alone (see Aristimuño Mendizabal v. France, no. 51431/99, § 66, 17 January 2006; Dremlyuga v. Latvia (dec.), no. 66729/01, 29 April 2003; and Gribenko v. Latvia (dec.), no. 76878/01, 15 May 2003; see also the admissibility decision of 28 February 2002 in the present case).*

Fid-decizjoni li tat l-ECHR fit-3 ta` Ottubru 2014 fil-kaz ta` "**Jeunesse v. The Netherlands**" inghad illi –

*While the essential object of Article 8 is to protect the individual against arbitrary action by the public authorities, there may in addition be positive obligations inherent in effective `respect` for family life. However, the boundaries*

*between the State`s positive and negative obligations under this provision do not lend themselves to precise definition. The applicable principles are, nonetheless, similar. In both contexts regard must be had to the fair balance that has to be struck between the competing interests of the individual and of the community as a whole; and in both contexts the State enjoys a certain margin of appreciation.*

…

*Where immigration is concerned, Article 8 cannot be considered to impose on a State a general obligation to respect a married couple`s choice of country for their matrimonial residence or to authorise family reunification on its territory. Nevertheless, in a case which concerns family life as well as immigration, the extent of a State`s obligations to admit to its territory relatives of persons residing there will vary according to the particular circumstances of the persons involved and the general interest. Factors to be taken into account in this context are the extent to which family life would effectively be ruptured, the extent of the ties in the Contracting State, whether there are insurmountable obstacles in the way of the family living in the country of origin of the alien concerned and whether there are factors of immigration control (for example, a history of breaches of immigration law) or considerations of public order weighing in favour of exclusion (see Butt v. Norway, cited above, § 78).*

*Another important consideration is whether family life was created at a time when the persons involved were aware that the immigration status of one of them was such that the persistence of that family life within the host State would from the outset be precarious. It is the Court`s well-established case-law that, where this is the case, it is likely only to be in exceptional circumstances that the removal of the non-national family member will constitute a violation of Article 8 (see Abdulaziz, Cabales and Balkandali v. the United Kingdom, judgment of 28 May 1985, Series A no. 94, p. 94, § 68; Mitchell v. the United Kingdom (dec.), no. 40447/98, 24 November 1998; Ajayi and Others v. the United Kingdom (dec.), no. 27663/95, 22 June 1999; M. v. the United Kingdom (dec.), no. 25087/06, 24 June 2008; Rodrigues da Silva and Hoogkamer v. the Netherlands, cited above, § 39; Arvelo Aponte v. the Netherlands, cited above, §§ 57-58; and Butt v. Norway, cited above, § 78).*

B`din il-gurisprudenza fl-isfond, din il-Qorti tirrileva illi r-rikorrenti Kate Sullivan kellha l-opportunita illi titlob li takkwista c-cittadinanza Maltija sa mill-1987. Kienet biss ghazla taghha illi hi ma ghamlitx dan sabiex, kif taccetta hija stess, ma titlifx ic-cittadinanza Awstraljana taghha u l-jedd li titlob li tinghata c-cittadinanza ta` New Zealand. Fil-fatt kien biss meta seta` jkollha cittadinanza doppja illi Kate Sullivan rega` applikat sabiex ssir cittadina ta` Malta. U Sullivan kienet edotta wkoll mill-fatt li ghax issir cittadina ta` Malta, kienet se tikseb drittijiet li ghandu kull cittadin Malti iehor. Meta tqis dan l-assjem ta` fatti, jinsorgi reali t-thassib ta` din il-Qorti illi r-rikorrenti ttentaw dan il-procediment bhala stratagemma bil-ghan li jipprovaw jevitaw l-izgumbrament mill-fond 2, Misrah San Pawl, Mdina. Li kieku din mhijiex l-interpretazzjoni korretta tal-fatti, il-Qorti ma ssib l-ebda raguni li taghmel sens

ghaliex r-rikorrenti stennew sal-2012 sabiex iressqu ilmenti dwar ksur ta` jeddijiet fondamentali tutelati bil-Kostituzzjoni u bil-Konvenzjoni. Huwa evidenti illi r-r-rikorrenti ttentaw dan il-procediment wara li ghaddiet in gudikat il-kawza quddiem il-qrati ordinarji li kienet bdiet fl-1997 u ntemmet bis-sentenza dwar ir-ritrattazzjoni. Ghal din il-Qorti dan tar-rikorrenti ma kien xejn anqas minn tentattiv li jaghmlu abbuz tal-process gudizzjarju.

Inoltre jinghad mir-rikorrenti illi bl-Art 5 tal-Kap 158 u bl-interpretazzjoni tal-Art 1012 tal-Kap 16 kien hemm lezjoni tal-Art 8 tal-Konvenzjoni.

<u>**L-Art 1012 tal-Kap 16**</u> ighid illi *l-kwazi-kuntratt huwa fatt lecitu u volontarju, li minnu tohrog obbligazzjoni lejn persuna ohra, jew obbligazzjoni tal-partijiet lejn xulxin.*

Meta kienet qeghda tqis il-hames eccezzjoni tal-Avukat Generali, il-Qorti esprimiet ruhha dwar il-pretensjoni tar-rikorrenti fir-rigward ta` din id-disposizzjoni u ghalhekk ma hemmx xi zzid ma` dak li diga` kien osservat.

<u>**L-Art 5 tal-Kap 158**</u> ighid :–

*Meta fit-tmiem ta` kirja ta` dar ta` abitazzjoni mnehhija mill-kontroll (sew jekk dak iz-zmien ikun skont ftehim legali, skond l-uzu jew xort` ohra) il-kerrej ikun cittadin ta` Malta u jkun jokkupa d-dar bhala r-residenza ordinarja tieghu, id-disposizzjonijiet tal-Ordinanza li tirregola Tigdid tal-Kiri tal-Bini ghandhom japplikaw ukoll izda biss safejn dawn ma jkunux inkonsistenti ma` l-imsemmija disposizzjonijiet ta` dan l-artikolu.*

Il-konsiderazzjonijiet li jaghmlu r-rikorrenti dwar din id-disposizzjoni fejn jidhol l-indhil tal-Istat huma aktar attinenti meta tigi allegata vjolazzjoni tal-Art 1 Prot 1 tal-Konvenzjoni milli tal-Art 8.

Il-parametri ghall-evalwazzjoni ta` jekk l-interferenza tal-Istat tkunx permissibbli inkella le huma : i) li l-mizura li jiehu l-Istat trid tkun saret f`qafas legali ; ii) li l-iskop tal-mizura jkun legittimu u iii) li l-mizura zzomm bilanc gust u proporzjonat bejn l-iskop socjali u l-htiega li jigu rispettati d-drittijiet fundamentali tas-sidien.

Fil-kawza tal-lum mhumiex s-sidien li qeghdin jilmentaw minn vjolazzjoni tad-drittijiet fundamentali taghhom. Lanqas ma qieghed isir ilment dwar xi vjolazzjoni tad-dritt fundamentali ghat-tgawdija tal-proprjeta`. L-ilment tar-rikorrent dwar l-Art 5 tal-Kap 158 qed isir fil-kuntest tal-Art 8 tal-Konvenzjoni u

minhabba din l-imposizzjoni ma jistax jigi riskontrat ksur tal-Art 8.

Ghal dak li jirrigwarda l-ilment dwar diskriminazzjoni skont l-Art 45 tal-Kostituzzjoni, ghandu jinghad illi ghalkemm l-Art 45 huwa distint, mhuwiex applikabbli fejn il-fatti tal-kaz ma jaqghux fl-ambitu ta` vjolazzjonijiet ohra ta` jeddijiet ohra tutelati mill-Kostituzzjoni. Ghalhekk ladarba fil-kaz tal-lum, il-Qorti mhijiex qeghda ssib ksur ta` jeddijiet fondamentali ohra, l-Art 45 ma jistax jigi applikat.

**<u>Decide</u>**

**Ghar-ragunijiet kollha premessi, il-Qorti qeghda tiddisponi mit-talbiet tar-rikorrenti, u mill-eccezzjonijiet l-ohra tal-intimat Avukat Generali u tal-kjamat fil-kawza li baqghu mhux decizi bis-sentenza taghha tad-29 ta` April 2014, billi taqta` u tiddeciedi hekk :-**

**Tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-talbiet tar-rikorrenti kif dedotti kontra l-Onorevoli Prim` Ministru, l-Onorevoli Ministru ghall-Affarijiet Barranin u l-Onorevoli Ministru ghall-Gustizzja, Djalogu u l-Familja, stante cessjoni tal-atti tal-kawza fil-konfront ta` dawn l-intimati.**

**Tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-ewwel eccezzjoni tal-intimat Avukat Generali billi din kienet irtirata.**

**Tichad it-tielet eccezzjoni tal-intimat Avukat Generali.**

**Tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tar-raba` eccezzjoni tal-intimat Avukat Generali billi ma baqax jinsisti fuq din l-eccezzjoni.**

**Tilqa` l-hames, is-sitt u s-seba` eccezzjonijiet tal-intimat Avukat Generali.**

**Tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-tieni, tat-tielet, tar-raba` u tal-hames eccezzjonijiet tal-kjamat fil-kawza in vista tad-decizjoni parzjali taghha tad-29 ta` April 2014.**

**Tilqa` s-sitt eccezzjoni tal-kjamat fil-kawza.**

**Tichad it-talbiet kollha tar-rikorrenti.**

**Tordna lir-rikorrenti sabiex ihallsu l-ispejjez kollha ta` din il-kawza, inkluzi l-ispejjez relatati mas-sentenza taghha tad-29 ta` April 2014.**

**Onor. Joseph Zammit McKeon**
**Imhallef**

**Amanda Cassar**
**Deputat Registratur**